L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2021)0425

Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (2020/2260(INI))

(2022/C 184/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 13, 39, 168(1), 169(1), 191, 192(1) u 349 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura tal-2004,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari [1],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji [2],

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [3], id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi [4] u r-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi [5],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament [6],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [7]; id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament [8] u d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli [9],

---

[1] ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1.
[2] ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43.
[3] ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
[4] ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71.
[5] ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1.
[6] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
[7] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
[8] ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.
[9] ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja ([10]); id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid ([11]); id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam ([12]); id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali ([13]); id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela ([14]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u operazzjonijiet relatati ([15]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla ([16]); ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([17]) u d-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi ([18]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM(2020)0381),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntiera u staġjonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 ([19]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi ([20]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel ([21]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([22]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar Ewropa li tipproteġi: Arja nadifa għal kulħadd ([23]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR) ([24]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali ([25]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2017 dwar l-effiċjenza fir-riżorsi: tnaqqis tal-ħela tal-ikel, titjib tas-sikurezza tal-ikel ([26]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 dwar in-nisa u r-rwol tagħhom fiż-żoni rurali ([27]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2018 dwar in-Nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġustizzja klimatika ([28]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar soluzzjonijiet teknoloġiċi għal agrikoltura sostenibbli ([29]),

---

([10]) ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23.
([11]) ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53.
([12]) ĠU L 182, 12.7.2007, p. 19.
([13]) ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5.
([14]) ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7.
([15]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
([16]) ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.
([17]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([18]) ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33.
([19]) ĠU C 362, 8.9.2021, p. 82.
([20]) ĠU C 255, 29.6.2021, p. 29.
([21]) ĠU C 202, 28.5.2021, p. 49.
([22]) ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
([23]) ĠU C 23, 21.1.2021, p. 23.
([24]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 153.
([25]) ĠU C 390, 18.11.2019, p. 10.
([26]) ĠU C 307, 30.8.2018, p. 25.
([27]) ĠU C 298, 23.8.2018, p. 14.
([28]) ĠU C 458, 19.12.2018, p. 34.
([29]) ĠU C 86, 6.3.2018, p. 51.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikklonjar ta' annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja ([30]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2015 dwar it-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat ([31]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal ċerti prodotti tal-ikel ([32]),

— wara li kkunsidra r-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) 15/2020 tat-9 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE – l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa", 13/2020 tal-5 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis", 05/2020 tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji", 02/2019 tal-15 ta' Jannar 2019 bit-titolu "Perikli kimiċi fl-ikel tagħna: il-politika tal-UE dwar is-sikurezza alimentari tipproteġina, iżda jeżistu ċerti diffikultajiet", 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benesseri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika", u 34/2016 tas-17 ta' Jannar 2017 bit-titolu "Il-ġlieda kontra l-Ħela tal-Ikel: opportunità għall-UE sabiex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katina tal-provvista tal-ikel" u 21/2019 tad-19 ta' Novembru 2019 dwar l-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-11 ta' Mejju 2020 bit-titolu "European Environment – State and outlook 2020: knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew – il-qagħda attwali u l-prospetti tal-2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli),

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-istrateġija mill-għalqa sal-platt ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Mill-Għalqa sal-Platt: id-dimensjoni lokali u reġjonali" (NAT-VII/005),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp, il-Kumitat dwar il-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Konsumaturi u l-Kumitat dwar is-Sajd,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0271/2021),

A. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija mill-għalqa sal-platt tistabbilixxi approċċ olistiku għas-sistema Ewropea tal-ikel, bl-agrikoltura bħala l-fornitur tal-ikel tkun l-element ċentrali, u tirrikonoxxi l-interkonnettività tal-atturi kollha fil-katina tal-provvista kollha u r-responsabbiltà kondiviża tagħhom fil-kisba tal-objettivi tal-istrateġija, kif ukoll ir-rwol ewlieni tal-bdiewa fit-twassil ta' beni pubbliċi, inkluż fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; billi, madankollu, l-istrateġija trid tmur lil hinn billi tqis ir-rwol, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-konsumaturi u l-vijabbiltà ekonomika fit-tul tal-bdiewa; billi l-istrateġija għandha implikazzjonijiet kbar għall-produzzjoni agrikola mhux tal-ikel u dan għandu jitqies fl-intier tiegħu;

B. billi r-rapport ippubblikat dan l-aħħar taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bit-titolu "Modelling environmental and climate ambition in the agricultural sector with the CAPRI model: Exploring the potential effects of selected Farm to Fork and Biodiversity strategies targets in the framework of the 2030 Climate targets and the post 2020 Common Agricultural Policy" (Immudellar tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika fis-settur agrikolu mal-mudell CAPRI: L-esplorazzjoni tal-effetti potenzjali ta' miri magħżula ta' strateġiji mill-Għalqa sal-Platt u l-Bijodiversità fil-qafas tal-miri dwar il-Klima għall-2030 u l-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2020) jikkonkludi, flimkien ma' studji reċenti oħra, li l-implimentazzjoni tal-miri tal-istrateġija jkollha impatt sostanzjali fuq il-produzzjoni agrikola fl-UE; billi dawn l-istudji jenfasizzaw il-ħtieġa għal valutazzjonijiet tal-impatt ex ante robusti u xjentifiċi, li jkopru s-sostenibbiltà mill-perspettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali u l-ħtieġa li jitqiesu l-effetti kumulattivi, il-kompromessi possibbli, id-disponibbiltà tal-mezzi biex jintlaħqu l-miri u l-mudelli differenti tal-biedja fl-Istati Membri kollha bħala parti minn kwalunkwe proposta leġiżlattiva taħt l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";

C. billi s-sistema Ewropea tal-ikel għandha twassal sikurezza tal-ikel u nutrizzjonali ta' livell għoli b'mod li tikkontribwixxi għall-benesseri soċjali u s-saħħa pubblika, iżżomm u tirrestawra s-saħħa tal-ekosistemi, tirrispetta l-limiti tal-pjaneta u tiżgura s-saħħa u l-benesseri tal-annimali; billi attwalment, is-sistema kollha tal-ikel hija responsabbli għal firxa ta' impatti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem u tal-annimali u fuq l-ambjent, il-klima

([30]) ĠU C 316, 22.9.2017, p. 278.
([31]) ĠU C 310, 25.8.2016, p. 15.
([32]) ĠU C 76, 28.2.2018, p. 49.

u l-bijodiversità, inkluż id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi barra l-UE; billi l-mod li bih nipproduċu u nikkonsmaw ikel, xorb u prodotti agrikoli oħra jeħtieġ jadatta biex tiġi żgurata koerenza mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura u l-politiki u l-impenji tal-UE, kif ukoll biex b'mod ġenerali jinkiseb bilanċ koerenti bejn it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà, inkluż tal-ambjent, tal-klima, tal-bijodiversità, tas-saħħa pubblika, tal-ekonomija u tal-affordabbiltà tal-ikel, tal-benesseri tal-annimali u tas-sostenibbiltà ekonomika għall-bdiewa, is-sajjieda u l-atturi li jinsabu aktar 'il quddiem fil-katina tal-ikel u ż-żoni rurali u kostali, kif ukoll l-aspetti soċjali bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza; billi jeħtieġ li jitqiesu fatturi importanti oħra bħar-riċerka u l-innovazzjoni, il-politika kummerċjali u l-politika dwar l-iskart;

D. billi huwa neċessarju li jiġu żgurati konsistenza u koerenza bejn il-miżuri previsti mill-istrateġija mill-għalqa sal-platt u l-politiki komuni tal-agrikoltura u s-sajd, il-politika kummerċjali tal-UE, l-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-istrateġija tal-UE għall-foresti, il-pjan ta' azzjoni tal-bijoekonomija, il-liġi tal-UE dwar il-klima, kif ukoll politiki u strateġiji relatati oħra tal-UE; billi għandu jiġi enfasizzat li l-ikel importat kollu għandu jkun konformi mal-istess standards ta' sostenibbiltà u ta' sikurezza agroalimentari li huma applikabbli fl-UE;

E. billi l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) tistma li 90 % tal-art mistennija tinbidel b'mod sinifikanti sal-2050 u 75 % tal-art diġà nbidlet b'mod sinifikanti; billi 85 % tal-artijiet mistagħdra diġà ntilfu ([33]); billi l-bijodiversità hija kruċjali għas-sigurtà tal-ikel, il-benesseri tal-bniedem u l-iżvilupp madwar id-dinja; billi t-telfien tal-bijodiversità jpoġġi l-produzzjoni agrikola, is-sistemi Ewropej u globali tal-ikel u n-nutrizzjoni f'riskju; billi huwa stmat li l-kostijiet soċjali u ekonomiċi globali relatati mad-degradazzjoni tal-art jammontaw għal EUR 5,5-10,5 triljun fis-sena ([34]);

F. billi madwar 80 % tad-deforestazzjoni globali hija kkawżata mill-espansjoni tal-art li tintuża għall-agrikoltura ([35]); billi d-domanda tal-Unjoni għal prodotti bħaż-żejt tal-palm, il-laħam, is-sojja, il-kawkaw, il-qamħirrum, l-injam u l-gomma, inkluż fil-forma ta' prodotti pproċessati jew servizzi, hija xprunatur kbir tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti u tal-ħamrija, tal-qerda tal-ekosistemi u ta' każijiet assoċjati ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi mhux tal-UE, u tirrappreżenta madwar 10 % tas-sehem globali tad-deforestazzjoni inkorporata fil-konsum totali finali ([36]); billi s-sajd mhux sostenibbli għandu impatti negattivi serji fuq il-bijodiversità;

G. billi l-ħabitats seminaturali li jiddependu fuq l-agrikoltura, bħall-bwar, huma partikolarment mhedda u l-istat ta' konservazzjoni tagħhom huwa ħafna agħar milli għal tipi ta' ħabitats oħra li ma jiddependux fuq l-agrikoltura; billi 45 % tal-ħabitats dipendenti fuq l-agrikoltura huma vvalutati bħala ħżiena, meta mqabbla ma' 31 % ta' ħabitats oħra;

H. billi l-użu mhux prudenti tal-pestiċidi huwa sors sinifikanti ta' tniġġis tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja u jaffettwa s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti b'mod negattiv; billi huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq pestiċidi li jagħmlu ħsara, flimkien mar-riskji u l-użu tagħhom, u l-użu ta' fertilizzanti u antibijotiċi; billi prattiki ta' biedja sostenibbli, bħall-implimentazzjoni tajba tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM), l-agroforestrija, l-agroekoloġija u l-biedja organika u t-tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni, jistgħu jgħinu biex jiġi

([33]) IPBES, 2019 Global Assessment Report on Biodiversity and Ecosystem Services (Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi).

([34]) https://www.oecd.org/environment/resources/biodiversity/Executive-Summary-and-Synthesis-Biodiversity-Finance-and-the-Economic-and-Business-Case-for-Action.pdf

([35]) FAO, *State of the World's Forests (Qagħda tal-Foresti fid-Dinja) 2016. Forests and agriculture: land-use challenges and opportunities* (Foresti u agrikoltura: sfidi u opportunitajiet tal-użu tal-art), Rome, 2016. https://www.fao.org/3/i5588e/i5588e.pdf

([36]) Il-Kummissjoni Ewropea, *L-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni: Analiżi komprensiva tal-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni. Rapport finali*, studju ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea u mwettaq minn VITO, l-Istitut Internazzjonali għall-Analiżi tas-Sistemi Applikati, HIVA-Onderzoeksinstituut voor Arbeid en Samenleving u l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura NL, 2013.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

offruti soluzzjonijiet biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi fil-livell tal-UE u globalment, u dawn għandhom jiġu mħeġġa; billi r-riċerka xjentifika ([37]) tindika li l-użu tal-pestiċidi jista' jitnaqqas b'mod sostanzjali mingħajr ma jaffettwa l-profittabbiltà u l-produttività b'mod negattiv, speċjalment meta jiġi akkumpanjat b'disponibbiltà akbar ta' alternattivi sostenibbli;

I. billi fl-2018 il-pajjiżi membri tal-UE approvaw l-esportazzjoni ta' aktar minn 81 000 tunnellata ta' pestiċidi li fihom sustanzi pprojbiti fl-Ewropa ([38]); billi dawn il-pestiċidi perikolużi jistgħu joħolqu riskji saħansitra akbar fil-pajjiżi ta' destinazzjoni tagħhom minħabba li l-kundizzjonijiet ta' użu (pereżempju lbies protettiv, bexx tal-għelejjel mill-ajru) mhumiex dejjem stretti daqs dawk fl-UE; billi dawn il-pestiċidi pprojbiti jistgħu jerġgħu jidħlu fis-suq tal-UE bħala residwi fl-ikel importat; billi l-programmi ta' monitoraġġ urew li residwi ta' diversi pestiċidi li huma pprojbiti milli jintużaw fl-UE instabu fl-ikel mibjugħ fis-suq tal-UE, f'4,5 % tal-każijiet saħansitra f'livelli ogħla mil-limitu massimu ta' residwi (MRL) li huwa stabbilit għal dawn is-sustanzi biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur ([39]);

J. billi l-piż żejjed u l-obeżità qegħdin jiżdiedu b'rata mgħaġġla fl-UE ([40]), b'wieħed minn kull żewġ adulti għandu piż żejjed jew obeżità ([41]); billi l-kawżi ta' piż żejjed u obeżità huma multidimensjonali, iżda dieta u nutrizzjoni ħżiena huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għal prevalenza għolja ta' piż żejjed u obeżità;

K. billi huwa stmat li fl-UE fl-2017 aktar minn 950 000 mewta (waħda minn kull ħamsa) u t-telf ta' aktar minn 16-il miljun sena ta' ħajja b'saħħitha mitlufa, prinċipalment minħabba mard kardjovaskulari u kanċer, kienu attribwibbli għal dieti ħżiena ([42]); billi l-esponiment għal kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali permezz tal-ikel u l-imballaġġ tal-ikel huwa wkoll theddida akbar għas-saħħa pubblika ([43]);

L. billi madwar nofs il-mard żoonotiku li tfaċċa fil-bnedmin mill-1940 wassal għal bidliet fl-użu tal-art ([44]); billi s-saħħa tal-annimali hija element essenzjali fi kwalunkwe sistema tal-ikel sostenibbli u l-impatti fuq is-saħħa tal-annimali għandhom effetti diretti fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel;

M. billi huwa stmat li 88 miljun tunnellata ta' skart tal-ikel huwa ġġenerat fl-UE kull sena, bi spejjeż assoċjati stmati għal EUR 143 biljun ([45]); billi l-iskart tal-ikel għandu impatt ambjentali kbir, li jammonta għal madwar 6 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra totali tal-UE ([46]); billi l-ogħla kontributuri għall-ħela tal-ikel fl-UE huma d-djar (53 %) u l-ipproċessar (19 %) ([47]); billi 10 % tal-ħela tal-ikel fl-UE hija marbuta mal-immarkar tad-dati u l-interpretazzjoni żbaljata tal-konsumatur ta' kif jaqra u juża s-sistema tal-immarkar tad-dati ([48]);

N. billi l-volum ta' bejgħ tal-antibijotiċi lill-azjendi agrikoli Ewropej tal-bhejjem naqas b'18,5 % bejn l-2011 u l-2016 ([49]), li rriżulta fi tnaqqis fil-piż tal-antibijotiċi fl-agrikoltura b'35 % fil-perjodu 2011–2018, filwaqt li fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-konsum tal-antimikrobiċi fl-annimali li jipproduċu l-ikel huwa aktar baxx jew ħafna inqas milli

([37]) Lechenet, M., Dessaint, F., Py, G. et al. *Reducing pesticide use while preserving crop productivity and profitability on arable farms* (Innaqqsu l-użu tal-pestiċidi filwaqt li nippreservaw il-produttività tal-għelejjel u l-profittabbiltà fuq azjendi agrikoli tar-raba' li jinħadem), Nature Plants 3, 17008, 2017.

([38]) https://www.publiceye.ch/en/topics/pesticides/banned-in-europe

([39]) Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, *Ir-rapport tal-Unjoni Ewropea tal-2019 dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi fl-Ikel*, Ġurnal tal-EFSA, 2019. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6491

([40]) Eurostat, *Overweight and obesity – BMI statistics (Piż Żejjed u Obeżità –Statistika tal-BMI)*.

([41]) Eurostat, *The European Health Interview Survey, Wave 2 (L-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti, Serje 2)*, 2013.

([42]) https://knowledge4policy.ec.europa.eu/health-promotion-knowledge-gateway/eu-burden-non-communicable-diseases-key-risk-factors_en

([43]) Muncke, J. et al., "Impacts of food contact chemicals on human health: a consensus statement" (L-impatti tas-sustanzi kimiċi li jiġu f'kuntatt mal-ikel fuq is-saħħa tal-bniedem: dikjarazzjoni ta' kunsens) *Environmental Health, 19*.

([44]) Keesing, F. et al., "Impacts of biodiversity on the emergence and transmission of infectious diseases" (L-impatti tal-bijodiversità fuq l-emerġenza u t-trażmissjoni ta' mard infettiv), *Nature 468*, pp. 647-652, 2010.

([45]) EU-Fusions, *Estimates of European food waste levels* (Estimi tal-livelli tal-ħela tal-ikel fl-Ewropa), rapport finali, 2016.

([46]) FAO, *Food wastage footprint & climate change* (L-impronta tal-ħela tal-ikel u t-tibdil fil-klima).

([47]) EU-Fusions, *Estimates of European food waste levels* (Estimi tal-livelli tal-ħela tal-ikel fl-Ewropa), rapport finali, 2016.

([48]) ICF, *Market study on date marking and other information provided on food labels and food waste prevention (Studju tas-suq dwar l-immarkar tad-data u informazzjoni oħra mogħtija fuq it-tikketti tal-ikel u l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel)*, rapport finali għall-Kummissjoni Ewropea, 2018.

([49]) EMA: Sales of veterinary antimicrobial agents in 30 European countries. Trends from 2010 to 2016 (Il-bejgħ tal-aġenti antimikrobiċi veterinarji f'30 pajjiż Ewropew. Xejriet mill-2010 sal-2016). It-tmien rapport tal-ESVAC (https://www.ema.europa.eu/en).

fil-bnedmin ([50]); billi, madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri, u l-konsum ta' xi antimikrobiċi għadu għoli wisq ([51]); billi r-reżistenza għall-antimikrobiċi hija theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem; billi t-tnaqqis u l-minimizzazzjoni tal-użu ta' antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali ser jgħinu biex jiġi limitat kemm din titfaċċa u tinxtered;

O. billi, diġà fl-2018, il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ippubblika r-Rapport Speċjali tiegħu dwar l-Impatti tat-Tisħin Globali ta' 1,5 C, li ddikjara li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C tirrikjedi bidliet rapidi, estensivi u bla preċedent fl-aspetti kollha tas-soċjetà; billi t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità jikkostitwixxu theddid dejjem akbar għas-sigurtà tal-ikel u l-għajxien b'perjodi ta' nixfa, għargħar u nirien fil-foresti rikorrenti, u pesti ġodda; billi s-sistemi tal-ikel huma responsabbli għal 29 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) madwar id-dinja u għandhom effett profond fuq il-klima, il-bijodiversità, l-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-bjar tal-karbonju; billi s-settur agrikolu tal-UE jipproduċi madwar 10 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE, b'varjazzjonijiet konsiderevoli bejn l-Istati Membri fejn l-agrikoltura tammonta għal bejn 3 % u 33 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra nazzjonali ([52]);

P. billi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura Ewropea tnaqqsu b'madwar 20 % mill-1990 'l hawn; billi t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura naqas b'mod konsiderevoli mill-2012, u saħansitra żdied f'xi snin ([53]); billi l-agrikoltura tista' tikkontribwixxi b'mod attiv għas-sekwestru tal-karbonju billi żżid bjar tal-karbonju naturali permezz tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-ekosistemi bħat-tinwib tal-għelejjel, l-għelejjel intermedji, il-permakultura, l-agroforestrija, is-silvikultura, l-agroekoloġija u r-restawr tal-ekosistema, u speċjalment ir-restawr u ż-żamma taż-żoni tat-torbiera bħala mod ta' żieda tal-bjar tal-karbonju naturali u s-sekwestru;

Q. billi l-agrikoltura hija t-tielet l-akbar sors ta' emissjonijiet primarji tal-PM10 fl-UE, kif saħqet l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent; billi l-emissjonijiet ta' ammonijaka (NH_3) mill-agrikoltura jikkontribwixxu għal episodji ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' PM li jiġu esperjenzati madwar l-Ewropa kull rebbiegħa, kif ukoll għall-impatti negattivi qosra u fit-tul fuq is-saħħa;

R. billi l-UE tikkonsma seba' darbiet aktar nitroġenu u tliet darbiet aktar fosfru milli jista' jitqies sostenibbli u ekwu meta jitqiesu l-limiti tal-pjaneta ([54]);

S. billi aktar informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja, flimkien ma' traċċar u monitoraġġ aħjar tal-informazzjoni tal-katina tal-provvista huma meħtieġa biex jiġi kkwantifikat il-progress lejn it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-sistema Ewropea tal-ikel;

T. billi l-mudell Ewropew ta' settur agroalimentari multifunzjonali, li jikkonsisti minn diversi mudelli agrikoli u huwa mmexxi minn azjendi agrikoli tal-familja, huwa komponent ewlieni tal-ekonomija u s-soċjetà tal-UE u jrid jiżgura produzzjoni tal-ikel kompetittiva, ta' kwalità għolja u diversifikata, sigurtà tal-ikel, ktajjen tal-provvista lokali, prattiki agrikoli tajbin, protezzjoni tar-riżorsi tal-art u tal-ilma, standards għoljin tal-ambjent u tal-benesseri tal-annimali u żoni rurali vibranti madwar l-UE; billi politika agrikola appoġġjata kif xieraq tippromwovi tranżizzjonijiet lejn ktajjen tal-provvista aktar lokalizzati u prattiki agrikoli aktar sostenibbli, filwaqt li tikseb standards ogħla tal-ambjent u tal-benesseri tal-annimali;

U. billi huwa importanti li jiġi enfasizzat ir-rwol ewlieni tal-intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju fis-settur agroalimentari tal-UE fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, mill-ipproċessar sal-bejgħ bl-imnut, biex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija;

([50]) It-tieni rapport konġunt ECDC/EFSA/EMA dwar l-analiżi integrata tal-konsum ta' aġenti antimikrobiċi u l-okkorrenza ta' reżistenza antimikrobika f'batterji mill-bnedmin u mill-annimali li jipproduċu l-ikel, 2017.

([51]) QEA, *L-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi: progress fis-settur tal-annimali, iżda din it-theddida għas-saħħa tibqa' sfida għall-UE*, 2019.

([52]) EEA, Viżwal tad-data dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, mibgħut mill-pajjiżi lill-UNFCCC u l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Monitoraġġ ta' Gassijiet Serra, ara wkoll IEEP 2019, Net-Zero Agriculture in 2050: How to get there (Agrikoltura Nettament Żero fl-2050: Kif naslu hemmhekk) (https://ieep.eu/publications/net-zero-agriculture-in-2050-how-to-get-there).

([53]) EEA, Greenhouse gas – data viewer (Gassijiet serra – viżwal tad-data), Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)

([54]) Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Rapport Nru 1/2020.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

V. billi s-settur agrikolu jrid ikompli jipproduċi ikel sikur u nutrijenti, filwaqt li jieħu ħsieb u jamministra l-art b'mod aktar sostenibbli, ilkoll modi ta' indirizzar tad-depopolazzjoni taż-żoni rurali; billi l-bdiewa Ewropej jissodisfaw l-ogħla standards globali u jipprovdu ikel ta' kwalità għolja, mhux biss liċ-ċittadini Ewropej iżda wkoll lid-dinja kollha; billi s-settur tal-agrikoltura huwa ta' valur strateġiku kbir iżda, fi ftit aktar minn għaxar snin, diversi miljuni ta' azjendi agrikoli ma baqgħux jeżistu, li jirrappreżenta terz tal-azjendi agrikoli kollha fl-Ewropa, bil-maġġoranza vasta tkun negozji żgħar tal-familja;

W. billi t-tranżizzjoni tal-agrikoltura Ewropea lejn prattiki u ċirkolarità aktar sostenibbli tirrikjedi investimenti sostanzjali, b'aċċess adegwat għall-finanzjament bħala prekundizzjoni; billi l-BEI huwa impenjat li jżid is-sehem tal-finanzjament tiegħu ta' investimenti fl-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali biex jilħaq 50 % tal-operazzjonijiet tiegħu fl-2025 u minn hemm 'il quddiem; billi dan jista' jintuża biex jitnedew it-teknoloġiji li jikkontribwixxu għal prattiki sostenibbli u biex tissaħħaħ ir-rabta tal-agrikoltura mal-ekonomija ċirkolari;

X. billi saħħa tajba tal-ħamrija ttejjeb l-kapaċità tad-dinja li tipproduċi l-ikel, tiffiltra l-ilma u tassorbi l-karbonju, u b'hekk ma tikkontribwixxix biss biex tistabbilizza l-klima iżda wkoll biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel, tirrestawra l-bijodiversità, tipproteġi l-art agrikola tagħna u tibni sistema tal-ikel aktar tajba għas-saħħa; billi agrikoltura riġenerattiva bħala approċċ lejn il-produzzjoni tal-ikel u l-ġestjoni tal-art tista' timmitiga dawn l-isfidi, tgħin fit-tranżizzjoni lejn sistema tal-agrikoltura reżiljenti ħafna bbażata fuq il-ġestjoni xierqa tal-artijiet u tal-ħamrija;

Y. billi huwa importanti li l-konsumaturi jkunu informati, abilitati u mogħtija s-setgħa jagħmlu għażliet informati dwar l-ikel; billi dan jirrikjedi ambjent tal-ikel tajjeb għas-saħħa u sod li jiżgura trasparenza u jiżgura li l-għażla tajba għas-saħħa u sostenibbli hija wkoll għażla faċli u affordabbli għal kulħadd, u trawwem u tinkoraġġixxi xejriet ta' konsum li jappoġġjaw is-saħħa tal-bniedem filwaqt li jħarsu l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u umani u livell għoli tal-benesseri tal-annimali; billi l-għoti ta' informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni waħedhom mhumiex biżżejjed biex tinkiseb il-bidla meħtieġa lejn għażliet tal-konsumatur aktar sostenibbli u b'saħħithom billi dawn jistgħu jiġu influwenzati minn aspetti bħal normi u konvenzjonijiet, il-prezz, il-konvenjenza, id-drawwiet u l-modi kif tiġi ppreżentata l-għażla tal-ikel; billi, madankollu, iċ-ċittadini infurmati u l-edukazzjoni jista' jkollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-objettivi tal-Ewropa dwar il-klima, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-bijodiversità min-naħa tad-domanda; billi t-tikkettar obbligatorju tal-kontenut u tal-oriġini tan-nutrijenti, kif ukoll informazzjoni komprensibbli dwar il-benesseri u s-sostenibbiltà tal-annimali, fil-prinċipju dwar il-prodotti tal-ikel kollha, u l-għoti pubbliku ta' informazzjoni dwar l-ispiża reali tal-produzzjoni jistgħu jgħinu biex jiggwidaw il-konsumatur lejn nutrizzjoni tajba, sostenibbli u sikura; billi l-informazzjoni għall-konsumatur għandha tiġi adattata wkoll għall-era diġitali, filwaqt li ħadd ma jitħalla barra;

Z. billi d-dieta Mediterranja, rikonoxxuta mill-UNESCO fl-2010 bħala wirt kulturali intanġibbli tal-umanità, hija magħrufa bħala dieta tajba għas-saħħa u bbilanċjata, b'valur nutrittiv, soċjali u kulturali għoli, ibbażata fuq ir-rispett lejn it-territorju u l-bijodiversità, filwaqt li tiżgura l-konservazzjoni u l-iżvilupp ta' attivitajiet u artiġjanat tradizzjonali relatati mas-sajd, il-kaċċa sostenibbli u l-agrikoltura u għandha rwol protettiv fil-prevenzjoni primarja u sekondarja tal-mard deġenerattiv kroniku ewlieni;

AA. billi l-ilma u l-agrikoltura huma marbuta intrinsikament u l-ġestjoni tal-ilma sostenibbli fis-settur tal-agrikoltura hija essenzjali biex tkun possibbli l-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja u adegwat u tiġi żgurata l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma;

AB. billi l-globalizzazzjoni tas-suq tal-ikel żdiedet u ġabet magħha żieda relatata fl-importanza tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-pajjiżi mhux tal-UE;

AC. billi għandhom jitqiesu r-riżultati miksuba wara l-implimentazzjoni tal-istandards ambjentali attwalment fis-seħħ;

AD. billi s-sitwazzjoni serja li nħolqot bil-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt fuq l-atturi kollha tal-katina agroalimentari Ewropea, mill-produzzjoni primarja sas-settur tal-lukandi u l-catering;

AE. billi s-sistema Ewropea tal-ikel kellha rwol kruċjali matul il-pandemija tal-COVID-19, li wriet ir-reżiljenza tagħha mal-bdiewa u l-kooperattivi jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tagħhom, il-ħaddiema impjegati tul il-katina tal-valur tal-ikel, il-proċessuri, id-distributuri u l-bejjiegħa bl-imnut li jaħdmu flimkien f'kundizzjonijiet diffiċili, inklużi lockdowns, u jiffaċċjaw riskji sanitarji, biex jiġi żgurat li l-konsumaturi Ewropej ikompli jkollhom aċċess għal prodotti sikuri, affordabbli u ta' kwalità għolja mingħajr xkiel, filwaqt li tiġi rispettata l-integrità tas-suq intern; billi matul il-kriżi tal-COVID-19 is-suq intern u s-sistema agrikola tal-UE fil-parti l-kbira u b'mod rapidu għelbu l-interruzzjonijiet fil-provvista li, madankollu, żvelaw ċerti vulnerabbiltajiet fi ktajjen tal-provvista tal-ikel ikkumplikati u dan juri l-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel fit-tul, ir-reżiljenza u l-ktajjen tal-provvista qosra; billi, f'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi enfasizzat il-valur tas-sigurtà tal-ikel u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista għaċ-ċittadini kollha tal-UE u l-importanza li jkun hemm l-għodod neċessarji kollha disponibbli għall-bdiewa biex ikunu jistgħu jipproduċu ikel divers b'mod sostenibbli;

AF. billi għalkemm id-drittijiet tal-bdiewa kienu minquxa fit-Trattat Internazzjonali tal-FAO dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura fl-2004, ir-regoli tal-proprjetà intellettwali spiss kienu f'kunflitt magħhom, u poġġew f'riskju s-sistemi taż-żrieragħ lokali, tradizzjonali u indiġeni;

AG. billi l-konsumaturi jinsabu dejjem aktar imħassba dwar il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-annimali; billi livell għoli ta' benesseri tal-annimali huwa importanti għall-iżvilupp sostenibbli u għandu l-potenzjal li jsaħħaħ is-sostenibbiltà ekonomika u ambjentali tal-bdiewa Ewropej, filwaqt li joħloq suq ġdid għall-bdiewa biex ibigħu prodotti abbażi ta' standards ogħla tal-benesseri tal-annimali; billi l-Kummissjoni ħabbret evalwazzjoni u reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali, inkluż dwar it-trasport tal-annimali u l-qtil tal-annimali; billi r-regoli orizzontali għall-protezzjoni tal-annimali fil-biedja, flimkien ma' rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali li jkunu bbażati fuq ix-xjenza u speċifiċi għall-ispeċijiet, ikunu ta' benefiċċju sinifikanti għall-benesseri tal-annimali; billi l-perjodi ta' tranżizzjoni u l-appoġġ għall-bdiewa huma essenzjali fir-rigward tal-bidliet leġiżlattivi biex tkun possibbli biedja aktar sostenibbli u biex jinkiseb titjib fil-benesseri tal-annimali;

AH. billi l-indikazzjonijiet ġeografiċi jirriżultaw minn wirt etern tal-UE u huma l-frott tal-adattament tal-bniedem għall-ambjent tiegħu u espressjoni tal-identità tal-UE;

AI. billi huwa importanti ħafna li jiġu indirizzati l-frodi tal-ikel u l-prattiki inġusti, bir-rikonoxximent u l-investigazzjoni ta' attivitajiet frawdolenti;

1. Jilqa' l-ambizzjonijiet u l-għanijiet tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt bħala pass importanti fl-iżgurar ta' sistema tal-ikel sostenibbli, ġusta, tajba għas-saħħa, favur l-annimali, aktar reġjonali, diversifikata u reżiljenti, li hija ċentrali biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-SDGs; jenfasizza r-rabtiet mill-qrib bejn nies b'saħħithom, soċjetajiet b'saħħithom, annimali b'saħħithom u pjaneta b'saħħitha; jisħaq li din l-istrateġija hija essenzjali biex is-sistema tal-ikel, inkluża l-produzzjoni tal-annimali u tal-għelejjel, tinġieb fi ħdan il-limiti tal-pjaneta, filwaqt li jissottolinja l-importanza li jinkisbu kundizzjonijiet tax-xogħol, impjiegi u opportunitajiet ġusti deċenti fil-katina tal-valur tal-ikel kollha u l-ħtieġa li jinkiseb approċċ ta' politika xieraq u bbilanċjat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni mill-aktar fis, issarraf l-istrateġija f'azzjoni leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva konkreta, akkumpanjata minn mekkaniżmi adegwati ta' appoġġ finanzjarju għat-tranżizzjoni;

Bżonn ta' azzjoni

2. Ifakkar li l-valutazzjonijiet tal-impatt huma parti integrali mill-proċess tat-tfassil tar-regoli tal-UE; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li għandha l-intenzjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, skont il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar għal kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva fi ħdan l-istrateġija mill-għalqa sal-platt, inklużi dawk rigward miri kwantitattivi effettivi ([55]); jisħaq li dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt xjentifiku *ex-ante* għandhom jinkludu valutazzjonijiet ambjentali robusti, għandhom ikopru t-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà (ambjentali, ekonomika u soċjali, inkluża s-saħħa) f'approċċ olistiku u sistemiku u jikkunsidraw l-effetti kumulattivi, u għandhom jinkludu il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni f'termini ta' impatt immedjat u fit-tul fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà ġenerali, kif ukoll iqisu t-tiġdid ġenerazzjonali, il-kompromessi possibbli bejn l-għanijiet ta' politika, id-disponibbiltà ta' mezzi biex jintlaħqu l-miri u l-mudelli differenti ta' biedja fl-Istati Membri tal-UE;

([55]) Tweġibiet tas-Sa Kyriakides għall-mistoqsija bil-miktub E-000689/2021.

jinnota l-importanza li jiġu deskritti l-metodi ta' kalkolu, il-linji bażi u l-perjodi ta' referenza ta' kull mira individwali u jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni, konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-Istati Membri; jirrikonoxxi l-fatt li l-ewwel rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt huwa ppjanat li jsir sa nofs l-2023; jisħaq fuq il-ħtieġa li din l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tirrifletti fil-fond dwar l-impatt kumulattiv tal-azzjonijiet kollha b'mod olistiku u sistemiku, biex jiġu koperti d-dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà, kemm jekk ambjentali, ekonomiċi jew soċjali, inkluża s-saħħa;

3. Jilqa' t-tħabbira ta' proposta bbażata fuq l-evidenza għal qafas leġiżlattiv għal sistemi alimentari sostenibbli bbażati fuq data trasparenti u li jqisu l-aħħar għarfien xjentifiku; jistieden lill-Kummissjoni tuża din il-proposta biex tistabbilixxi politika komuni dwar l-ikel orjentata lejn il-futur li tkun olistika, ibbilanċjata, integrata u ambjentalment, soċjalment u ekonomikament sostenibbli, fejn l-atturi kollha jagħtu l-kontribut tagħhom, bil-għan li titnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tas-sistema tal-UE għall-ikel kif ukoll jitnaqqsu l-impatti negattivi tagħha fuq il-bijodiversità u s-saħħa u l-benesseri tal-bniedem u tal-annimali biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima u bi tniġġes qrib iż-żero sa mhux aktar tard mill-2050, u tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħha biex tiżgura sigurtà tal-ikel fuq perjodu medju u fit-tul fid-dawl tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telfien tal-bijodiversità; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata sostenibbiltà ekonomika u soċjali fil-katina alimentari kollha hekk kif il-prospetti soċjoekonomiċi tajbin u l-kompetittività tad-diversi setturi kkonċernati ser jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija; jinkoraġġixxi lill-UE tmexxi tranżizzjoni globali lejn sostenibbiltà mill-għalqa sal-platt ibbażata fuq il-prinċipju ta' settur agrikolu multifunzjonali li jkun sostenibbli minn perspettiva ambjentali, soċjali (inkluża s-saħħa) u ekonomika, abbażi tal-prinċipji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt tan-NU għall-ikel, filwaqt li tiżgura konsistenza u koerenza politika msaħħa biex l-atturi kollha fis-sistema Ewropea tal-ikel jkunu jistgħu jwettqu ppjanar fit-tul ibbażat fuq objettivi SMART realistiċi u trasparenti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' bidla politika u leġiżlattiva urġenti u b'saħħitha fid-dawl tal-evidenza xjentifika tal-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistema attwali tal-ikel u l-ispejjeż ogħla mġarrba li huma r-riżultat ta' nuqqas ta' teħid ta' azzjoni u jenfasizza l-importanza ta' prattiki innovattivi u sostenibbli; jissuġġerixxi li jitqiesu l-linji bażi rispettivi f'kull Stat Membru u l-progress miksub, flimkien mal-kundizzjonijiet (reġjonali) speċifiċi tagħhom, filwaqt li jiġi promoss l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi l-katini kollha tal-ikel u x-xorb inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni, il-ħżin, it-trasport, id-distribuzzjoni, l-ospitalità, il-bejgħ bl-imnut, ir-rimi u r-riċiklaġġ ta' materjali sekondarji; jitlob li din il-proposta leġiżlattiva tqis bis-sħiħ il-benesseri tal-annimali tal-irziezet, minħabba li dan huwa integrali għas-sostenibbiltà tal-ikel;

4. Jappoġġja l-iżvilupp ta' pjanijiet strateġiċi tal-politika dwar l-ikel ([56]) li jgħinu biex jiffaċilitaw, jistimulaw u jtejbu l-politiki nazzjonali dwar l-ikel ġodda u eżistenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li titqies ukoll il-kwistjoni kumplessa tal-faqar tal-ikel fl-Ewropa; jenfasizza l-importanza li dawn il-pjanijiet jiġu sostnuti bi xjenza u riċerka indipendenti u imparzjali u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati minn varjetà vasta ta' perspettivi biex jiġi żgurat proċess leġittimu u inklużiv; jisħaq li huwa meħtieġ approċċ ġdid trasversali għall-governanza biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki tal-ikel u l-biedja tal-UE u dawk li jinfluwenzawhom bħall-politiki tal-kummerċ, l-enerġija, il-kompetizzjoni u l-klima biex jiżdiedu s-sinerġiji u jiġu evitati u amministrati l-kompromessi; jappella għaldaqstant biex ikun hemm djalogu strutturat bejn il-Parlament, l-Istati Membri u l-atturi kollha tas-sistema tal-ikel, inklużi ċ-ċittadini, biex jintużaw l-opportunitajiet kollha offruti minn din l-istrateġija u jiġu diskussi n-nuqqasijiet, l-opportunitajiet u l-isfidi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika komuni u olistika tal-UE dwar l-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi djalogu mas-soċjetà dwar fehim komuni tas-sostenibbiltà u l-elementi differenti tagħha fir-rigward tal-perkors lejn il-proposta tagħha għal qafas leġiżlattiv għal sistema tal-ikel sostenibbli, li fl-aħħar mill-aħħar irid ikun ibbażat fuq approċċ wieħed koerenti għall-aspetti kollha tas-sostenibbiltà;

5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan ta' kontinġenza bil-għan li jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel sabiex jiġi kkoordinat rispons komuni Ewropew għall-kriżijiet li jaffettwaw is-sistemi tal-ikel; jinsisti li huwa meħtieġ approċċ ta' prevenzjoni biex jiġu evitati movimenti ta' paniku u reazzjonijiet eċċessivi min-nies, id-ditti jew l-Istati Membri; iqis li dan ser ikun rispons adegwat għall-aspettattivi dejjem akbar dwar is-sigurtà tal-ikel li għandhom jiġu indirizzati fil-livell Ewropew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-kwistjonijiet tal-istokkijiet tal-ikel strateġiċi bil-mod li bih tqis l-istokkijiet tal-petroleum strateġiċi madwar l-Unjoni;

([56]) L-Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea (IEEP) u l-Istitut Ekoloġiku, Dokument ta' politika ta' Think2030, *European food and agriculture in a new paradigm: Can global challenges like climate change be addressed through a farm to fork approach? (L-ikel u l-agrikoltura Ewropej f'paradigma ġdida: L-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' approċċ mill-għalqa sal-platt?)*, 2021. https://think2030.eu/wp-content/uploads/2021/02/European-food-and-agriculture-in-a-new-paradigm-WEB.pdf

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu azzjonijiet sabiex tiġi promossa l-biedja sostenibbli, jitnaqqsu l-użu u r-riskji assoċjati mal-pestiċidi, jiġu protetti u rrestawrati l-ekosistemi tal-ħamrija, u jiżdiedu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ fl-art agrikola li jappoġġjaw l-irkupru tal-ispeċijiet u l-ħabitats protetti fl-ambitu tad-direttivi dwar in-natura, inklużi l-pollinaturi u l-ħabitats tagħhom; ifakkar li l-produttività u r-reżiljenza agrikoli jiddependu mill-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-ikel tagħna;

7. Jenfasizza li l-konsumaturi, il-bdiewa, u n-negozji Ewropej għandhom interess fi tranżizzjoni b'suċċess lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli; jenfasizza li informazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u politiki agrikoli mtejba jistgħu jappoġġjaw din it-tranżizzjoni; jisħaq li t-tranżizzjoni ekoloġika fil-produzzjoni tal-ikel u l-kontribut li jirriżulta għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jistgħu jkunu sitwazzjoni favorevoli għall-produtturi primarji, l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà kollha, filwaqt li jiġi prodott ikel sostenibbli, sikur, suffiċjenti, affordabbli, tajjeb għas-saħħa u nutrijenti, u jistgħu jinkisbu b'approċċ ibbilanċjat li joffri sinerġija lill-prattiki sostenibbli u l-opportunitajiet ekonomiċi; itenni li biex jiġi żgurat kontribut proporzjonat mis-settur, l-agrikoltura għandha tkun parti, immexxija minn miri u inċentivi, mill-ambizzjoni tal-UE li tersaq lejn żero netti sa mhux aktar tard minn nofs is-seklu, filwaqt li tindirizza wkoll l-emissjonijiet li huma marbuta mal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel Ewropej iżda li huma ġġenerati barra mill-Ewropa; jisħaq li l-parteċipazzjoni tal-bdiewa u l-appoġġ għalihom fl-azzjoni klimatika hija kruċjali biex jintlaħqu l-miri ta' mitigazzjoni globali u l-SDGs, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni globali, u filwaqt li ħadd ma jitħalla barra;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza bejn l-istrateġija mill-għalqa sal-platt u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż dwar il-klima, il-bijodiversità, it-tniġġis żero u s-saħħa; jissottolinja li ż-żamma u t-titjib tal-bijodiversità huma kruċjali biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel tal-UE u globali, u li għandha tiġi ggarantita koerenza mal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità, inkluż il-kontribut tan-network Natura 2000 u taż-Żoni tal-Baħar Protetti biex tiġi appoġġjata l-produzzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa, kif ukoll il-konsistenza dwar il-politika agrikola komuni (PAK), il-politika komuni tas-sajd (PKS), il-politiki tal-UE dwar il-kummerċ u l-istrateġija tal-UE dwar il-bijoekonomija; jenfasizza li l-SDGs joffru qafas rilevanti biex jintegraw b'mod koerenti u sistemiku l-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi, u jippermettu t-tfassil ta' politiki trasversali li jirriflettu aħjar l-interkonnessjoni bejn kull objettiv ta' politika; ifakkar li d-dimensjoni soċjali trid tkun integrata bis-sħiħ fl-inizjattivi futuri kollha tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt flimkien mad-dimensjonijiet ekonomiċi u ambjentali, biex tinkiseb koerenza politika tant meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli; jinsisti li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol skont it-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), in-negozjar kollettiv u l-protezzjoni soċjali għandhom jiġu inklużi bħala kriterji ta' sostenibbiltà;

Bini ta' katina tal-ikel tajba għaċ-ċittadini, għall-ħaddiema, għall-produtturi, għad-distributuri u għall-ambjent

9. Jilqa' d-deċiżjoni li tiġi riveduta d-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-miri ta' tnaqqis għall-pestiċidi, it-telf tan-nutrijenti kemm mis-sorsi organiċi kif ukoll minn dawk minerali u l-bejgħ ta' antibijotiċi u jinsab konvint li dawn il-miri huma attenibbli iżda dan jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' alternattivi aktar sikuri, effettivi u effiċjenti; jenfasizza l-importanza ta' aktar edukazzjoni u komunikazzjoni olistiċi, inkluż permezz ta' servizzi ta' konsulenza biex tinkiseb din it-trasformazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-miri ta' tnaqqis ikunu ta' natura vinkolanti u l-importanza li dawn jiġu segwiti permezz ta' approċċi olistiċi, preventivi u ċirkolari, bħal prattiki organiċi u agroekoloġiċi, prattiki agrikoli sostenibbli innovattivi, implimentazzjoni ta' agrikoltura ta' preċiżjoni u prattiki integrati ta' ġestjoni tal-għelejjel u l-pesti fejn xieraq, u l-użu ta' alternattivi sostenibbli megħjuna minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċessi rapidi ta' evalwazzjoni, awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni għal pestiċidi mhux kimiċi b'riskju baxx, filwaqt li jiġi żgurat li l-valutazzjoni tagħhom tkun soġġetta għall-istess livell ta' rigorożità ta' sustanzi oħra; jinsisti li kull Stat Membru, skont il-karatteristiċi klimatiċi u tal-produzzjoni agrikola tiegħu, għandu jistabbilixxi miri kwantitattivi ta' tnaqqis li jkunu robusti, effettivi u marbuta biż-żmien fir-rieżamijiet tagħhom tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u strumenti ta' politika rilevanti oħra, bl-ambizzjoni li jitnaqqsu għal żero l-emissjonijiet agrikoli fil-ħamrija, fl-ilma ta' taħt l-art, fl-ilma tal-wiċċ u fl-arja skont l-ambizzjoni ta' tniġġis żero fil-Patt Ekoloġiku, akkumpanjati minn miżuri ta' appoġġ speċifiċi għall-għelejjel li jkunu definiti sew biex jiżguraw responsabbiltà u infurzabbiltà fil-livelli kollha, u bl-użu ta' data indipendenti u kompleta bħala għajnuna biex jintlaħqu dawn il-miri kif ukoll bħala appoġġ u taħriġ għal implimentazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli u riċerka u żvilupp ulterjuri għal soluzzjonijiet ta' biedja innovattiva u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu s-sistemi tagħhom ta' superviżjoni, monitoraġġ u infurzar xieraq tar-regoli dwar l-użu tal-pestiċidi u ttejjeb il-komunikazzjoni fost l-utenti finali u żżid l-għarfien tagħhom; itenni t-talba tiegħu biex il-miri u l-objettivi msemmija hawn fuq jissarfu f'leġiżlazzjoni, inkluż permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u jistieden lill-Kummissjoni tiċċara kif ser tittratta l-kontributi tal-Istati Membri individwali għall-miri vinkolanti tal-Unjoni kollha filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tiċċara l-linji bażi għal dawn il-miri, filwaqt li tqis il-punti tat-tluq differenti, l-isforzi li saru u l-karatteristiċi ta' kull Stat Membru, u tidentifika b'mod ċar id-diversi alternattivi mhux sintetiċi u oħrajn diġà magħrufa llum, id-disponibbiltà tagħhom u l-impatt fuq il-vijabbiltà tas-settur, fuq id-dħul tal-bdiewa u fuq is-sigurtà tal-ikel, u jistieden lill-Kummissjoni tabbozza pjan għall-minimizzazzjoni tal-inputs sintetiċi fl-agrikoltura; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-użu tal-pestiċidi fiż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, permezz ta' titjib fil-komunikazzjoni, il-monitoraġġ u l-ispezzjonijiet;

10. Jisħaq fuq ir-rwol ewlieni tal-IPM fit-tnaqqis tad-dipendenza mill-pestiċidi, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li din tiġi applikata u li l-implimentazzjoni tagħha tiġi vvalutata u mmonitorjata b'mod sistematiku; jistieden lill-Istati Membri jikkonvertu l-prinċipji ġenerali tal-IPM fi kriterji prattiċi u li jistgħu jitkejlu, u jivverifikaw dawn il-kriterji fil-livell tal-azjendi agrikoli, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv dawn il-prinċipji tal-IPM permezz tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom; iħeġġiġhom jinkludu miżuri u prattiki definiti u mfassla b'mod tajjeb għal kull għalla, bħall-istrixxi tal-fjuri bħala linja bażi biex jitreġġgħu lura l-użu tal-pestiċidi u r-reżistenza tal-pesti; jistieden lill-bejjiegħa bl-imnut fil-katina alimentari biex jikkooperaw b'mod proattiv mal-bdiewa dwar l-implimentazzjoni u ż-żieda fil-prattiki u l-metodi kollha tal-IPM disponibbli għal kull għalla fil-katina tal-provvista tagħhom u jirrapportaw dwar il-kontribut proprju għall-għanijiet u l-miri ta' tnaqqis bħala parti mir-rapportar tagħhom dwar l-ambjent, is-soċjetà u l-governanza;

11. Iqis li, għalkemm l-UE għandha waħda mis-sistemi l-aktar stringenti fid-dinja, jeħtieġ li jittejbu kemm ir-regolament innifsu dwar l-approvazzjoni tal-pestiċidi kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-pestiċidi ([57]) u jistenna li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw it-talbiet kollha tiegħu mingħajr dewmien u jissottolinja li l-qafas regolatorju għandu jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u r-riċerka sabiex jiġu żviluppati prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u alternattivi aħjar u aktar sikuri; jindika li, minbarra li tirrevedi d-direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi biex jitnaqqsu l-użu tal-pestiċidi u r-riskji assoċjati magħhom, il-Kummissjoni, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għandhom itejbu l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fost oħrajn billi jitqiesu l-effetti tal-pestiċidi fuq il-ħamrija, il-kwalità tal-ilma u s-sorsi tal-ilma tax-xorb, inklużi l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat il-progress li sar rigward l-objettivi ta' politika u ttejjeb l-indikaturi tar-riskju armonizzati stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/782 ([58]) biex tinkludi wkoll it-tossiċità, il-persistenza u l-bijoakkumulazzjoni u biex tqis iż-żoni jew il-volumi agrikoli ta' sustanzi attivi u l-mod kif il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintużaw biex jitnaqqas b'mod effettiv l-użu ta' pestiċidi sintetiċi u metalli tqal fil-biedja konvenzjonali u organika, u biex tadotta kriterji ċari bbażati fuq ix-xjenza li jiddefinixxu l-effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent, filwaqt li tqis l-esponiment (akut u kroniku) fil-ħajja reali għal diversi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi effetti kumulattivi u sinerġistiċi; jinsisti li l-użi profilattiċi tal-pestiċidi, inkluż it-trattament taż-żrieragħ b'pestiċidi sistemiċi, għandhom jiġu ristretti kemm jista' jkun fejn dan ikun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposta leġiżlattiva tagħha dwar id-data dwar il-pestiċidi sa mhux aktar tard min-nofs l-2022;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jiġu applikati sew u b'hekk tiggarantixxi, fost oħrajn, standard minimu ta' notifika dwar awtorizzazzjonijiet ta' pestiċidi b'emerġenza, inkluż ir-rekwiżit li l-Istati Membri jagħtu spjegazzjonijiet kompleti u dettaljati, u li dawk in-notifiki joħorġuhom b'mod pubbliku; jilqa' r-rwol tal-EFSA fl-eżami ta' dawn id-derogi;

([57]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi (ĠU C 411, 27.11.2020, p. 48).

([58]) Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/782 tal-15 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' indikaturi armonizzati tar-riskju (ĠU L 127, 16.5.2019, p. 4).

13. Jitlob biex jitqiesu bis-sħiħ l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi tal-pestiċidi fl-istabbiliment tal-MRLs kif ukoll biex jitqiesu aħjar il-kriterji tas-saħħa tal-annimali u r-riskji ambjentali meta jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet għal MRLs ġodda f'konformità mal-Artikolu 14 tar-regolament dwar l-MRLs; jitlob biex data miġbura permezz tal-bijomonitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq tintuża biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-livelli ta' esponiment għall-pestiċidi mbassra għall-istabbiliment ta' MRLs kif ukoll il-livell ta' esponiment aċċettabbli għall-ħaddiema tal-azjendi agrikoli, għar-residenti, għall-persuni li jkunu fil-qrib u għall-konsumaturi, kif ukoll għall-annimali tal-irziezet; jenfasizza l-ħtieġa li tkompli tingħata attenzjoni kbira lill-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti fl-inizjattivi leġiżlattivi futuri tal-UE marbuta mal-użu tal-pestiċidi; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li l-utenti kollha jirċievu tagħmir protettiv kif ukoll informazzjoni u taħriġ komprensivi dwar l-użu u l-perikli assoċjati tal-pestiċidi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li kull ħaddiem agrikolu jkun jista' jaċċessa dokumentazzjoni uffiċjali li tirrapporta t-tip ta' pestiċida użata matul l-attività tax-xogħol tagħhom; jissottolinja li sabiex jintlaħqu dawn il-miri, huwa kruċjali li jiġu riveduti aktar id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni jew il-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol ([59]), id-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u d-Direttiva 98/24/KE dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol ([60]);

14. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li taġixxi biex tnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'mill-inqas 50 %, filwaqt li tiżgura li ma jkunx hemm deterjorament fil-fertilità tal-ħamrija; jinsab konvint li dan jista' jinkiseb l-aħjar permezz tal-għeluq taċ-ċikli tan-nutrijenti, l-irkupru u l-użu mill-ġdid tan-nutrijenti u l-inkoraġġiment u l-ippremjar ta' bdiewa biex jippjanaw għelejjel leguminużi; jinsisti li huma meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi legalment vinkolanti kif ukoll miżuri maħsuba biex jippermettu lill-bdiewa jtejbu l-ġestjoni tan-nutrijenti għal dan il-għan; jenfasizza l-importanza li dawn il-miri jiġu segwiti permezz ta' approċċi olistiċi u ċirkolari għall-ġestjoni tan-nutrijenti, bħall-prattiki agroekoloġiċi u biedja intelliġenti, li jistgħu jagħtu benefiċċji konġunti għall-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità u jgħinu lill-bdiewa jtemmu d-dipendenza tagħhom mill-fertilizzanti minerali u jnaqqsu l-flussi tal-fosforu u n-nitroġenu; jirrimarka li t-tnaqqis ta' fertilizzazzjoni ineffiċjenti u t-tneħħija gradwali tal-fertilizzazzjoni eċċessiva għandhom iqisu l-impatti klimatiċi u ambjentali ta' fertilizzanti differenti, inkluża l-preżenza ta' metalli tqal; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom iressqu miżuri biex jippromwovu l-ġestjoni effiċjenti u ċ-ċirkolarità tan-nutrijenti, kif ukoll biex jappoġġjaw bil-qawwa l-edukazzjoni għall-konsulenti agrikoli u għall-bdiewa u biex jużaw ir-riforma tal-PAK bħala opportunità biex jitrażżnu l-emissjonijiet tal-ammonijaka (NH_3) mis-settur agrikolu; jisħaq li ġestjoni mtejba tan-nutrijenti tippreżenta kemm benefiċċji ekonomiċi kif ukoll dawk ambjentali; jenfasizza l-importanza tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet moderni u innovattivi, bħall-biedja ta' preċiżjoni, il-fertilizzazzjoni mmirata li hija adattata għar-rekwiżiti tal-pjanti u servizzi konsultattivi dwar in-nutrizzjoni tal-pjanti u appoġġ għall-ġestjoni, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi installat il-broadband f'żoni rurali għal dan il-għan; jemmen li għandu jingħata appoġġ lill-mudelli ta' negozju sostenibbli tal-azjendi agrikoli biex jiġi megħjun l-irkupru, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tan-nutrijenti minn flussi ta' skart ħielsa mhux kontaminati;

15. Jisħaq li sabiex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-użu u r-riskji assoċjati tal-pestiċidi kimiċi u t-tnaqqis tat-telf ta' nutrijenti, għandhom isiru disponibbli alternattivi aktar sikuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' sett ta' għodod li jiffunzjonaw għall-protezzjoni tal-pjanti; jenfasizza, madankollu, l-importanza tal-edukazzjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' miżuri preventivi; jitlob żieda fir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti, fertilizzanti, varjetajiet aktar reżistenti li jeħtieġu inqas input biex jiżguraw rendimenti stabbli u għodod diġitali, kif ukoll inċentivi għal metodi ta' applikazzjoni u teknoloġiji bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni; jistieden lill-Kummissjoni taċċelera u tissemplifika l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda għas-saħħa tal-pjanti, inkluż prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'impatt aktar baxx, bħal sustanzi jew bijosoluzzjonijiet b'riskju baxx, u tintroduċi definizzjoni u kategorija separata għas-sustanzi naturali fil-leġiżlazzjoni orizzontali, kif ukoll tinvolvi ruħha f'inizjattivi maħsuba biex jinstabu mogħdijiet ta' valutazzjoni alternattivi għal dawn is-sustanzi b'riskju baxx, bażiċi u b'okkorrenza naturali; jisħaq ukoll li t-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi jrid ikun akkumpanjat minn żieda fid-disponibbiltà fis-suq ta' alternattivi sostenibbli b'effikaċja ekwivalenti fil-protezzjoni tas-saħħa tal-pjanti għal dik tal-pestiċidi kimiċi sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' pesti tal-pjanti; jitlob, barra minn hekk, li jiġu stabbiliti miżuri li jiffaċilitaw l-inkorporazzjoni ta' metodoloġiji ta' approċċ ġodda (NAMs) fil-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ikel u l-għalf kimiku, u jnaqqsu l-ħtieġa ta' testijiet li jużaw l-annimali u fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni gradwali kompluta tal-ittestjar fuq l-annimali;

([59]) Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

([60]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

16. Itenni l-importanza kruċjali li n-naħal u pollinaturi oħra jiġu protetti kontra l-effetti dannużi tal-pestiċidi u l-mard; ifakkar fl-oġġezzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2019 ([61]) u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-reviżjoni tal-gwida dwar in-naħal u l-atti ta' implimentazzjoni futuri ma twassalx għal livell inferjuri ta' protezzjoni għan-naħal għal dak stabbilit fil-gwida tal-EFSA dwar in-naħal tal-2013, u tkun ibbażata fuq l-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku, u b'hekk jipproponi li jiġu modifikati l-prinċipji uniformi, mhux biss fir-rigward tat-tossiċità akuta għan-naħal tal-għasel iżda tal-inqas ukoll fir-rigward tat-tossiċità kronika u tat-tossiċità larvali għan-naħal tal-għasel u t-tossiċità akuta għan-naħal bagħli; jinnota li l-EFSA qiegħda tfassal sistema proprja ta' mudelli, l-ApisRAM, li tidher li hija aktar konformi mal-bijoloġija tan-naħal tal-għasel mill-BeeHAVE u inqas miftuħa għal kunflitti ta' interess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrivaluta b'mod urġenti dawk is-sustanzi li għandhom l-istess mod ta' azzjoni bħan-neonikotinojdi;

17. Itenni t-talba tiegħu għal indikatur tal-pollinaturi ([62]) u mira għar-restawr; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw qafas ġdid ta' monitoraġġ tal-pollinaturi madwar l-UE kollha bi skemi robusti implimentati fil-livell tal-Istati Membru, stadji intermedji, objettivi ċari marbuta biż-żmien, indikaturi u miri; jisħaq li l-attivitajiet ta' monitoraġġ iridu jiġu integrati fil-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK il-ġdid;

18. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu monitoraġġ sistematiku u standardizzat fuq il-post tal-bijodiversità fuq art agrikola, inklużi pollinaturi, li jinvolvu professjonisti, bdiewa u xjenzati ċittadini u jużaw id-data biex jgħinu fl-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE u fl-implimentazzjoni tagħhom;

19. Ifakkar fl-importanza tal-approċċ Saħħa Waħda; jisħaq li r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) hija theddida transnazzjonali u transfruntiera għas-saħħa li qiegħda tikber fejn azzjoni kkoordinata tal-UE tista' tagħmel differenza; jagħraf l-isforzi sostanzjali li saru biex jitnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali li jikkontribwixxu għall-isforz globali biex titnaqqas ir-reżistenza għall-antibijotiċi; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li jkompli jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi, inkluż fil-produzzjoni tal-ikel; jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li sal-2030 tnaqqas b'50 % il-bejgħ globali tal-antimikrobiċi għall-annimali tar-razzett u fl-akkwakultura u jissottolinja li għandu jitqies il-progress li diġà sar fil-livell tal-Istati Membri; jindika l-fatt li biex jintlaħaq dan l-għan huma meħtieġa miri intermedji u azzjonijiet u miżuri ċari, inkluża l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kif previst fil-leġiżlazzjoni tal-UE; ifakkar, barra minn hekk, li biex jintlaħaq dan l-għan, prattiki mtejba tat-trobbija tal-annimali huma essenzjali peress li benesseri aħjar tal-annimali jtejjeb is-saħħa tal-annimali, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa tal-medikazzjoni; jemmen li l-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament dwar il-Mediċini Veterinarji ([63]) u tar-Regolament (UE) 2019/4 dwar l-għalf medikat ([64]) ser tkompli tnaqqas l-użu tal-antibijotiċi u jistieden lill-Kummissjoni tqiegħed skrutinju fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar mill-Istati Membri; jissottolinja li l-antimikrobiċi, minbarra l-antibijotiċi ta' riżerva umana, għandhom jibqgħu disponibbli għal użu essenzjali biex jiġi żgurat li s-saħħa u l-benesseri tal-annimali jiġu protetti l-ħin kollu;

20. Jilqa' l-enfasi li tqiegħdet fuq il-ħtieġa li jitkompla t-tnaqqis tal-bejgħ ġenerali fl-UE tal-antibijotiċi għall-annimali mrobbija u fl-akkwakultura, u jenfasizza li l-inizjattivi tal-UE f'dan il-qasam ġew u se jiġu adottati skont l-approċċ Saħħa Waħda li jirrikonoxxi l-interdipendenza bejn is-saħħa u l-benesseri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw fuq miżuri addizzjonali li jippermettu u jinċentivaw soluzzjonijiet innovattivi sostenibbli, b'mod partikolari f'għodod ta' prevenzjoni u trattamenti alternattivi; jitlob sforzi biex jiġu żgurati standards ekwivalenti għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali importati fl-UE bħal dawk stabbiliti fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Mediċini Veterinarji; jinnota l-ħtieġa, bħala parti mir-rieżami tar-Regolament dwar l-Addittivi tal-Għalf ([65]), li jiġi indirizzat l-użu ta' sustanzi li bħalissa mhumiex ikklassifikati bħala antibijotiċi iżda li għandhom proprjetajiet antibijotiċi f'konformità mal-Artikolu 4(14) tar-Regolament dwar il-Mediċini Veterinarji li jistgħu jintużaw fl-agrikoltura u l-akkwakultura tal-annimali għal użu preventiv; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħaddiema fil-katina alimentari huma f'riskju li jiġu infettati b'patoġeni AMR, pereżempju meta jużaw it-teknika ta' "topdressing" meta jamministraw prodotti mediċinali veterinarji; jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex jitnaqqas dan ir-riskju serju għas-saħħa okkupazzjonali;

([61]) ĠU C 202, 28.5.2021, p. 49.

([62]) Skont l-impenn li sar fl-inizjattiva tal-UE dwar il-pollinaturi (COM(2018)0395), azzjoni 5C https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/pollinators/documents/EU_pollinators_initiative.pdf

([63]) Ir-Regolament (UE) 2019/6 (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

([64]) Ir-Regolament (UE) 2019/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 1).

([65]) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29).

21. Ifakkar li l-agrikoltura u l-forestrija għandhom rwol importanti fl-indirizzar tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu; jenfasizza l-importanza li jiġi rikonoxxut u mmonitorjat l-impatt tal-agrikoltura u tal-produzzjoni tal-annimali fuq l-emissjonijiet tal-GHG u l-użu tal-art; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet sabiex isir kontribut lejn l-impenn tal-UE għall-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq fuq il-ħtieġa u l-potenzjal li jinżammu, jiġu restawrati u jissaħħu l-bjar naturali tal-karbonju u li jitnaqqsu l-emissjonijiet agrikoli tad-diossidu tal-karbonju, tal-metan u tal-ossidu nitruż, b'mod partikolari fis-setturi tal-għalf u tal-bhejjem kif ukoll fis-settur tal-fertilizzanti organiċi u minerali mingħajr ma jkun kompromess aktar il-benesseri tal-annimali u filwaqt li jiġi żgurat li ma tiddeterjorax il-fertilità tal-ħamrija; jirrikonoxxi li annimali b'saħħithom jeħtieġu inqas riżorsi naturali u li prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-bhejjem jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; jitlob li jkun hemm miżuri u miri regolatorji xierqa u mfassla apposta għall-emissjonijiet mill-agrikoltura u l-użu tal-art relatat bħala parti mill-pakkett "adattat għall-55" biex jiġi żgurat tnaqqis ambizzjuż tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet b'effett ta' serra f'dawn is-setturi, *inter alia* billi jiġu indirizzati d-densitajiet tal-bhejjem fl-UE u l-emissjonijiet integrati fl-użu tal-art mill-għalf u l-ikel importati; jitlob li jkun hemm taħlita ta' politiki koerenti li tippermetti tranżizzjoni lejn prattiki aktar sostenibbli bħal produzzjoni estensiva tal-bhejjem ibbażata fuq il-ħaxix bħala parti minn sistema mħallta ta' biedja li tirrispetta l-kapaċità ta' ġarr tal-ambjent lokali u tappoġġja l-bijodiversità;

22. Jieħu nota ta' żviluppi promettenti fil-qasam tal-addittivi tal-ikel li jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi niġġiesa tal-ilma u tal-arja mit-trobbija tal-annimali; jilqa' f'dan ir-rigward il-pjanijiet tal-Kummissjoni biex jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq ta' addittivi tal-għalf sostenibbli u innovattivi u jitlob programmi ta' riċerka rilevanti biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri tagħhom;

23. Jirrimarka li t-trobbija tal-annimali organika estensiva bbażata fuq il-bwar, silvika-pastorali jew estensiva, li spiss tinvolvi mergħat ta' valur ambjentali għoli, huma karatteristiċi ewlenin tas-sistema alimentari Ewropea u li l-iskemi ta' kwalità tagħha u huma element ta' definizzjoni ta' ħafna komunitajiet rurali tradizzjonali li jippermettilhom jagħmlu użu produttiv tal-art li kieku kienet tiġi abbandunata; jissottolinja li din il-forma ta' produzzjoni agrikola bbażata fuq l-art u b'densità baxxa jista' jkollha diversi effetti pożittivi għall-ambjent u għall-konservazzjoni tal-pajsaġġi kulturali, tikkontribwixxi għall-protezzjoni taż-żoni rurali mid-depopolazzjoni u l-abbandun, tgħin fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari u r-restawr tal-bijodiversità u għalhekk trid tiġi appoġġjata u mħeġġa; jenfasizza li għandu jingħata appoġġ lill-azjendi agrikoli li jagħmlu t-tranżizzjoni lejn forom ta' produzzjoni aktar sostenibbli u li jitbiegħdu mill-prattiki tal-biedja bħall-ħażna b'densità għolja u l-monokulturi tal-għelejjel; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politiki u l-programmi ta' finanzjament tagħha jappoġġjaw il-pajsaġġ kulturali tradizzjonali Ewropew, bħal vinji mżerżqin u mtarrġin u produzzjoni estensiva permanenti bbażata fuq il-bwar li tappoġġja l-bijodiversità; jinnota li r-rapporti tal-Istati Membri dwar l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ([66]) jenfasizzaw li ħafna bwar seminaturali jinsabu f'konservazzjoni mhux favorevoli, inadegwata jew ħażina, u li d-dakkara li jiddependu minnhom huma mhedda, u dan ipoġġi s-servizzi ta' dakkir f'periklu;

24. Jappella għal armonizzazzjoni aktar b'saħħitha tal-qafas legali għat-trobbija tal-annimali fl-UE, bl-użu ta' indikaturi komuni u bbażati fuq ix-xjenza dwar il-benesseri tal-annimali u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tevalwa u tirrevedi, fejn meħtieġ, il-korp eżistenti tal-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali; jissottolinja l-importanza li tqis l-aħħar avvanzi fix-xjenza tal-benesseri tal-annimali u tirreaġixxi għal talbiet pubbliċi, politiċi u tas-suq għal standards ogħla tal-benesseri tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva bil-għan li telimina gradwalment l-użu tal-gaġeġ fit-trobbija tal-annimali tal-UE, filwaqt li tivvaluta l-possibbiltà ta' eliminazzjoni gradwali sal-2027; jenfasizza l-ħtieġa li din l-eliminazzjoni gradwali tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq ix-xjenza u li jiġi żgurat perjodu ta' tranżizzjoni xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ skont l-ispeċi li jqis u jivvaluta l-karatteristiċi ta' kull annimal differenti, li għandu jkollu sistemi ta' akkomodazzjoni adatti għall-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu, filwaqt li jissalvagwardja s-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, jiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema u jiżgura appoġġ suffiċjenti u perjodu ta' tranżizzjoni bil-għan li tinżamm il-kompetittività tal-bdiewa u ta' dawk li jrabbu l-annimali;

25. Ifakkar fl-importanza ta' sistema ta' benesseri tal-annimali ta' kwalità għolja, inkluż fit-trasport u t-tbiċċir; jenfasizza li livell għoli ta' benesseri tal-annimali huwa integrali għall-iżvilupp sostenibbli u huwa essenzjali għal kwalità tal-ikel superjuri li tiffaċilita nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-konsumaturi u tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità; jenfasizza li huwa meħtieġ approċċ koerenti u armonizzat, li jqis is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-bijodiversità, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u l-klima b'mod olistiku u konġunt meta ssir referenza għal sistema tal-ikel sostenibbli;

([66]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

26. Iqis li huwa importanti li jinbdew proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri sistematikament mhux konformi fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali u, fejn meħtieġ, li jingħalqu l-lakuni leġiżlattivi u jiġu stabbiliti standards ogħla fil-leġiżlazzjoni għall-benesseri tal-annimali; jenfasizza li huwa essenzjali għall-UE li tqis il-konformità ta' pajjiżi mhux tal-UE mal-istandards tal-benesseri tal-annimali, b'mod partikolari fejn huma kkonċernati l-prodotti importati;

27. Jenfasizza li l-annimali għandhom jesperjenzaw l-inqas tbatija possibbli meta jiġu trasportati u mbiċċra u għalhekk jilqa' l-intenzjoni li jsir rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali dwar it-trasport u t-tbiċċir tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw soluzzjonijiet għall-qatla lokali, inkluż il-qtil mobbli, b'unitajiet iżgħar u taħriġ aħjar tal-persunal biex tiġi evitata t-tbatija tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi alternattivi għat-trasport tal-annimali ħajjin kull fejn ikun possibbli;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati ([67]); jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' konformità attwali mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li l-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali ma tiqafx fil-fruntieri esterni tal-UE u li t-trasportaturi tal-annimali li jitilqu mill-Unjoni Ewropea għandhom għalhekk jikkonformaw ukoll mar-regoli Ewropej dwar il-benesseri tal-annimali meta jitilqu mill-UE, filwaqt li jindika d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħha minħabba n-nuqqas ta' ġuriżdizzjoni fit-territorju mhux tal-UE;

29. Ifakkar li 70 % tal-mard u l-pandemiji emerġenti joriġinaw mill-annimali skont l-IPBES; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-emerġenza dejjem aktar frekwenti ta' mard żoonotiku li jiġi trasferit mill-annimali għall-bnedmin (antropożoonożi), bħad-deni Q, l-influwenza avjarja u r-razza l-ġdida tal-influwenza A (H1N1), li hija aggravata mit-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fl-użu tal-art, id-deforestazzjoni, il-qerda u l-pressjoni fuq il-bijodiversità u l-ħabitats naturali, it-traffikar illegali tal-annimali selvaġġi, u s-sistemi attwali tagħna tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel; jenfasizza li s-sistemi ta' produzzjoni tal-annimali li jinvolvu l-konfinament ta' annimali ta' ġenotip simili qrib xulxin jistgħu jżidu s-suxxettibbiltà tal-annimali għal mard infettiv, filwaqt li joħolqu kundizzjonijiet għat-tfaċċar u t-tixrid ta' mard żoonotiku ([68]); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw it-tbegħid minn dawn il-prattiki agrikoli u mill-użu mhux sostenibbli tal-organiżmi selvaġġi, inkluż it-traffikar illegali, u lejn ġestjoni aħjar tal-prevenzjoni veterinarja u l-promozzjoni ta' standards għoljin tas-saħħa tal-annimali u tal-benesseri tal-annimali, inkluż mas-sħab kummerċjali tal-UE, sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' mard żoonotiku u speċijiet invażivi u jiġu promossi l-istandards għoljin tal-bijosigurtà tal-UE bħala l-aħjar prattika fil-livell globali; jirrikonoxxi li l-prevenzjoni tal-mard u t-tħejjija għalih, jiġifieri d-disponibbiltà ta' metodi ta' dijanjożi, prevenzjoni u trattament, huma kruċjali biex jitrażżan it-theddid emerġenti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali;

30. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tal-agrikoltura organika bħala wieħed mill-komponenti b'saħħithom fit-triq tal-UE lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli u l-ambizzjoni li tiżdied l-art agrikola tal-UE taħt il-biedja organika sal-2030; japprezza li l-maġġoranza tal-Istati Membri diġà adottaw miri biex ikabbru ż-żona agrikola li tintuża għal produzzjoni organika; jistenna bil-ħerqa l-analiżi tas-settur organiku fil-valutazzjoni tal-impatt ġenerali tal-istrateġija u jenfasizza l-importanza tal-pjan ta' azzjoni Ewropew għall-biedja organika biex jiżdied l-użu tiegħu; jissottolinja li l-iżvilupp u t-tkabbir tas-settur organiku jridu jkunu akkumpanjati minn żviluppi u miżuri xprunati mis-suq u mill-katina tal-provvista li jistimulaw aktar domanda għall-ikel organiku u jiżguraw il-fiduċja tal-konsumatur, flimkien mal-akkwist pubbliku, l-inċentivi fiskali u varjetà wiesgħa ta' miżuri ta' promozzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, it-taħriġ u t-trasferiment tal-għarfien xjentifiku, li kollha jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-suq għall-prodotti organiċi u remunerazzjoni ġusta għall-bdiewa;

([67]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

([68]) Ir-Rapport dwar il-workshop tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u l-Pandemiji; EPRS, *The link between biodiversity loss and the increasing spread of zoonotic diseases* (Ir-rabta bejn it-telfien tal-bijodiversità u ż-żieda ta' patoġeni żoonotiċi); Ir-rapport HSI, *The connection between animal agriculture, viral zoonoses, and global pandemics* (Il-konnessjoni bejn l-agrikoltura tal-annimali, iż-żoonożi virali, u l-pandemiji globali); Dhingra SM, Artois J, Dellicour S, et al. 2018. "Geographical and historical patterns in the emergences of novel highly pathogenic avian influenza (HPAI) H5 and H7 viruses in poultry" (Xejriet ġeografiċi u storiċi fl-emerġenzi tal-viruses ġodda tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) H5 u H7 fit-tjur), *Frontiers in Veterinary Science 5:84*. https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5996087/; Jones BA, Grace D, Kock R, et al. 2013. "Zoonosis emergence linked to agricultural intensification and environmental change" (L-emerġenza taż-żoonożi marbuta mal-intensifikazzjoni agrikola u mat-tibdil fil-klima), *Proceedings of the National Academy of Sciences of the United States of America 110(21):8399-404*. www.pnas.org/content/110/21/8399.

31. Jilqa' l-kunċett tat-tisħiħ, l-inċentivar u l-ippremjar tas-sekwestru tal-karbonju naturali fil-ħamrija, li diġà nkiseb f'xi azjendi agrikoli, li jipprovdi premji addizzjonali lill-bdiewa għall-iżvilupp u ż-żamma ta' prattiki agrikoli tajbin għas-sekwestru tal-karbonju, li għandu jwassal għat-titjib tal-bjar tal-karbonju madwar l-UE; jissottolinja li l-politiki dwar l-agrikoltura u l-ikel għandhom jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn biedja sostenibbli billi jippremjaw lill-bdiewa għall-benefiċċji ambjentali u klimatiċi li jagħtu; jenfasizza l-importanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħat-tinwib tal-għelejjel, l-għelejjel intermedji, il-permakultura, l-agroekoloġija u r-restawr tal-ekosistema, u speċjalment ir-restawr u ż-żamma taż-żoni tat-torbiera għaż-żieda tal-bjar tal-karbonju naturali u s-sekwestru; jenfasizza, madankollu, li l-prattiki agrikoli u tal-biedja b'impatti negattivi sinifikanti fuq il-klima, il-bijodiversità, il-ħamrija, l-ilma, l-arja u jew il-benesseri tal-annimali m'għandhomx jirċievu finanzjament għall-klima, u lanqas ma għandhom jiġu inċentivati jew ippremjati; jistieden lill-Kummissjoni tesplora qafas għal kwantifikazzjoni u ċertifikazzjoni robusti tal-karbonju li għandu jevita l-possibbiltà ta' rappreżentazzjoni ħażina magħrufa bħala greenwashing; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta diversi għażliet għall-biedja tal-karbonju u jissottolinja li s-swieq tal-karbonju huma parti minn sett ferm usa' ta' miżuri regolatorji u mhux regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, u jenfasizza li l-iskemi tal-biedja tal-karbonju għandhom ikunu parti minn sett ta' għodod ta' inċentiv biex jintlaħqu l-objettivi tal-klima; jitlob li l-proposti jkunu konformi mal-objettivi ambjentali u dwar il-benesseri tal-annimali u mal-prinċipju ta' "ebda ħsara" tal-Patt Ekoloġiku; huwa favur l-istimolu tal-adozzjoni ta' prattiki agrikoli riġenerattivi, it-titjib tal-aċċess għat-teknoloġiji, id-data, it-taħriġ u l-informazzjoni, u l-ikkomplementar tal-introjtu tal-bdiewa permezz tas-sekwestru tal-karbonju u l-pagamenti għas-servizzi tal-ekosistemi, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tagħhom;

32. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati s-sigurtà u d-diversità ta' materjal ta' propagazzjoni taż-żrieragħ u tal-pjanti biex jiġu pprovduti rendimenti stabbli u varjetajiet ta' pjanti adattati għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima, inklużi varjetajiet tradizzjonali u adattati lokalment, u varjetajiet adatti għall-produzzjoni organika u sistemi ta' biedja b'input baxx, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-bdiewa u l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u tekniki innovattivi tat-tnissil tal-pjanti sabiex jikkontribwixxu għal żrieragħ b'saħħithom u jipproteġu l-pjanti kontra pesti u mard u biex jgħinu lill-bdiewa jindirizzaw ir-riskji dejjem jikbru kkawżati mit-tibdil fil-klima, filwaqt li jiżguraw inċentiv għall-innovazzjoni miftuħa permezz tal-varjazzjoni tal-pjanti;

33. Iqajjem kuxjenza dwar l-effetti negattivi potenzjali tal-konċentrazzjoni u l-monopolizzazzjoni fis-settur taż-żrieragħ u jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tiġġieled kontrihom jekk ikun meħtieġ; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-innovazzjoni miftuħa permezz tad-drittijiet ta' min irabbi l-pjanti u jinnota bi ħassib l-effett detrimentali ta' privattivi b'ikkupjar wiesa' fis-settur taż-żrieragħ; jemmen li l-produzzjoni u l-użu mhux kummerċjali ta' varjetajiet ta' żerriegħa tradizzjonali u adattati lokalment minn ċittadini privati u bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar ma għandhomx ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni tal-UE u nazzjonali sproporzjonata; jisħaq fuq l-importanza tal-preservazzjoni ta' suq uniku b'saħħtu għas-settur taż-żerriegħa tal-UE;

34. Jappella għal koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE biex jiġu stimulati l-preservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità ġenetika u għall-istabbiliment ta' pjattaforma komuni tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riżorsi ġenetiċi ppreservati;

35. Jilqa' t-tħabbira tar-rieżami tar-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni għal varjetajiet ta' għelejjel tradizzjonali u adattati lokalment sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet taż-żrieragħ, inkluż għall-biedja organika, u biex tiżgura aċċess aktar faċli għas-suq għall-varjetajiet tradizzjonali u adattati lokalment;

36. Jieħu nota tal-istudju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 (SWD(2021)0092), u tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li qed tippjana li tagħti bidu għal azzjoni ta' politika regolatorja li tinkludi valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni pubblika dwar pjanti derivati minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda, bil-għan li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, filwaqt li jiġu sfruttati l-benefiċċji potenzjali mix-xjenza u l-innovazzjoni, b'mod partikolari biex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u għall-istrateġija ta' sostenibbiltà għall-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-bdiewa, il-proċessuri u l-konsumaturi, u jenfasizza li din l-azzjoni politika għandha tinkludi valutazzjonijiet tar-riskju u ħarsa ġenerali komprensiva u valutazzjoni tal-għażliet għat-traċċabbiltà u t-tikkettar bil-ħsieb li tinkiseb sorveljanza regolatorja xierqa u li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni rilevanti, inkluż għal prodotti minn pajjiżi terzi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

37. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida dwar il-kwistjoni tal-klonazzjoni u "ikel klonu" bħala kwistjoni ta' urġenza; jinsisti li din il-proposta għandha tinkludi projbizzjoni fuq il-klonazzjoni, projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni ta' annimali klonati, il-materjal riproduttiv tagħhom u d-dixxendenti tagħhom u projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni ta' ikel minn annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom; jesprimi dispjaċir kbir għan-nuqqas ta' azzjoni biex jiġu rregolati l-kloni u d-dixxendenti tagħhom u jtenni li proċeduri ta' trobbija naturali jew artifiċjali li jikkawżaw, jew x'aktarx jikkawżaw, tbatija jew korriment lil kwalunkwe wieħed mill-annimali kkonċernati ma jridux jiġu pprattikati u li huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-ikel minn annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom ma jidħolx fil-katina tal-ikel;

38. Jenfasizza r-rwol importanti tal-bdiewa Ewropej fit-twettiq tat-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u jenfasizza li għandhom ikunu disponibbli biżżejjed riżorsi finanzjarji biex dan jinkiseb; jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw, jiġu promossi u appoġġjati d-diversi metodi ta' produzzjoni sostenibbli kollha, inklużi l-produzzjoni organika, integrata u agroekoloġija, peress li dawn jistgħu jwasslu għal sostenibbiltà ambjentali, iżidu l-proporzjon tal-art totali kkultivata taħt sistemi li jirrispettaw l-ambjent u joffru garanziji b'saħħithom f'termini ta' kwalità, sikurezza, kwantità u prezz;

39. Jinsisti li l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni skont il-PAK il-ġdida, jiżguraw appoġġ finanzjarju adegwat għall-bdiewa u l-forestiera kollha tal-UE biex isaħħu l-kompetittività u l-introjtu tagħhom, sabiex huma u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jiksbu livell ta' għajxien deċenti, jiġġieldu d-depopolazzjoni rurali u jżommu komunitajiet rurali vibranti;

40. Jilqa' l-fatt li l-PAK il-ġdida se tipprovdi inċentivi għall-promozzjoni ta' mudelli ta' negozju innovattivi, diġitali, ekoloġiċi, reġjonali u sostenibbli għall-agrikoltura u l-produzzjoni artiġjanali tal-ikel, b'mod partikolari permezz tat-trawwim ta' ktajjen tal-provvista qosra bħal prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew denominazzjonijiet tal-oriġini, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli tas-suq uniku u permezz ta' approċċi li jinkludu loġistika lokali innovattiva bħal "hubs ekoloġiċi", u l-integrazzjoni tal-produzzjoni artiġjanali tal-ikel f'servizzi oħra f'żoni rurali bħat-turiżmu jew il-gastronomija; jisħaq li l-kummerċjalizzazzjoni reġjonali tal-prodotti agrikoli u s-sħubiji għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' ktajjen ta' provvista sostenibbli; jirrikonoxxi li meta l-produzzjoni lokali ma tkunx disponibbli, huma meħtieġa importazzjonijiet;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tapprova biss il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK li juru b'mod ċar impenn għas-sostenibbiltà mill-perspettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali u li huma konformi mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-miri rilevanti għall-UE kollha u l-Ftehim ta' Pariġi;

42. Jitlob li dawn il-pjanijiet iqisu b'mod xieraq l-isfidi speċifiċi li qed jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE f'termini ta' bijodiversità, produzzjoni agrikola u l-provvista ta' ikel u materja prima; jenfasizza li appoġġ finanzjarju adegwat taħt il-PAK huwa kruċjali biex l-agrikoltura tal-UE tkun tista' tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u biex tissaħħaħ il-konservazzjoni tal-bijodiversità; jirrimarka li miżuri ta' appoġġ imsaħħaħ, inklużi programmi ta' taħriġ u servizzi ta' konsulenza, huma essenzjali biex il-bdiewa jkunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fl-ilħuq tal-miri tal-istrateġija; jitlob li jiġu implimentati "skemi ekoloġiċi mtejba" fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament, li tevita duplikazzjoni bla bżonn tal-kontrolli tal-kundizzjonalità;

43. Jissottolinja li l-ħamrija b'saħħitha hija prekundizzjoni biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel, l-għalf u l-fibri; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu d-degradazzjoni ulterjuri tagħha fil-livell tal-UE; jissottolinja li l-ħamrija agrikola hija riżorsa naturali bażika, li l-kundizzjoni tajba tagħha hija essenzjali biex tiġi ssodisfata l-istrateġija mill-għalqa sal-platt; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-importanza tal-istrateġija l-ġdida dwar il-ħamrija u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa bbażata fuqha biex tikseb is-soluzzjonijiet meħtieġa; jirrikonoxxi l-essenzjalità tal-materja organika u l-bijodiversità tal-ħamrija u s-servizzi u l-oġġetti li tipprovdi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ħamrija tinsab taħt pressjoni dejjem akbar; jemmen li jrid jiġi stabbilit monitoraġġ robust madwar l-UE kollha tal-organiżmi tal-ħamrija u t-tendenzi fil-firxa u li dan irid jinżamm fl-Istati Membri kollha;

44. Jirrikonoxxi l-importanza ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità għolja, li huma essenzjali sabiex jiġu mantnuti servizzi tal-ekosistema bażiċi, bħad-dakkir jew il-kontroll naturali tal-pesti, għall-produzzjoni agrikola u li jżidu l-produttività tagħha fit-tul; jilqa' l-mira tal-UE li tiddedika mill-inqas 10 % taż-żona agrikola għal dan il-għan; ifakkar fis-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt tal-20 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Politika Agrikola Komuni lejn l-2020" (SEC(2011)1153) li tiddikjara li mhu se jiġi ġġenerat l-ebda impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni jew id-dħul fil-livell tal-azjendi agrikoli;

45. Jisħaq li l-art agrikola hija llimitata u għaldaqstant trid tintuża b'mod effiċjenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi mudelli tal-biedja innovattivi b'impronti baxxi tal-użu tal-art bħall-ortikoltura u t-trobbija tal-insetti fl-istrateġija;

46. Jirrimarka li l-"kultivazzjoni protetta" tal-frott u l-ħaxix fis-serer moderni hija sistema ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli ħafna li qed tintuża dejjem aktar u toffri għadd ta' vantaġġi; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi t-trasformazzjoni li għaddejja fis-settur ortikulturali Ewropew, li tippermetti produzzjoni tal-ikel aktar sostenibbli u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel, is-sikurezza tal-ikel, iż-żieda fl-effiċjenza fir-riżorsi u t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel tul il-katina tal-produzzjoni tal-ikel; jenfasizza li minbarra impronta baxxa tal-użu tal-art, l-ortikoltura moderna tikkontribwixxi għal għanijiet differenti tal-istrateġija bħal ħtieġa baxxa ta' input, użu effiċjenti tar-riżorsi u produzzjoni ta' frott u ħaxix viċin tal-punt tal-konsum, u għaldaqstant tippromwovi ktajjen tal-provvista aktar qosra u s-sigurtà tal-provvista; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li talloka fondi ta' investimenti tar-riċerka u l-iżvilupp għal sistemi tat-tkabbir protetti f'serer moderni li jużaw inqas riżorsi għall-istess rendiment;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-gvernijiet tal-Istati Membri jespandu jew joħolqu sistemi li jippermettu lill-membri tal-pubbliku jikru u jużaw art tal-gvern mitluqa u mhux użata għall-produzzjoni tal-ikel;

48. Jenfasizza l-importanza li jintużaw l-agroforestrija u l-purtieri tal-foresti biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-foresti naturali, tingħata għajnuna biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u tiżdied il-produttività, kif ukoll alternattivi għall-użu tal-fertilizzanti fil-produzzjoni agrikola; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw għodod fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali futuri tagħhom biex jinkoraġġixxu r-riforestazzjoni u l-afforestazzjoni u jippromwovu l-agroforestrija sostenibbli, inkluża l-mergħa silvipastorali fejn possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi programmi ta' taħriġ speċjalizzati fl-UE kollha sabiex il-bdiewa jsiru konxji mill-benefiċċji tal-integrazzjoni tal-veġetazzjoni msaġġra fl-agrikoltura; jenfasizza li r-restawr u r-riġenerazzjoni ta' sistemi eżistenti tal-agroforestrija, kif ukoll l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda, jikkontribwixxu għall-mira tal-istrateġija tal-bijodiversità ta' tliet biljun siġra, li jservu kemm l-objettivi tal-bijodiversità kif ukoll dawk klimatiċi kif ukoll l-objettiv tad-diversifikazzjoni u ċ-ċirkolarità;

49. Jisħaq fuq l-importanza ta' kriterji sodi u stretti għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli bbażata fuq il-bijomassa u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta kriterji bbażati fuq ix-xjenza bħala parti mir-rieżami tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli;

50. Ifakkar li s-sistema agroalimentari u tas-sajd Ewropea għandha tipprovdi provvista suffiċjenti u varjata ta' ikel sikur, nutrittiv, tajjeb għas-saħħa, affordabbli u prodott b'mod sostenibbli liċ-ċittadini f'kull ħin u jissottolinja li ż-żieda tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-produzzjoni tal-ikel fl-aħħar mill-aħħar iżżid ir-reżiljenza tagħha fuq terminu medju u twil kif ukoll toħloq opportunitajiet ekonomiċi ġodda u tikkontribwixxi għall-użu ta' materja prima ta' oriġini Ewropea; jenfasizza li ikel aktar prodott lokalment jista' jikkontribwixxi għal dawn l-objettivi kollha, inkluża s-sigurtà tal-ikel; ifakkar li fl-UE 33 miljun persuna ([69]) ma jistgħux jaffordjaw ikla ta' kwalità kull jumejn; jenfasizza li l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-ikel jeħtieġu reazzjonijiet politiċi xierqa u għandhom jibqgħu kunsiderazzjoni ewlenija meta jiġu vvalutati ż-żidiet fl-ispejjeż tal-produzzjoni inklużi dawk li jirriżultaw mill-prattiki tal-biedja li qed jinbidlu; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' SMEs tal-ikel sostenibbli f'żoni rurali;

51. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra kwistjonijiet relatati mal-għajnuna alimentari fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt peress li ħafna Ewropej isofru minn nuqqas ta' ikel, speċjalment il-familji b'ġenitur wieħed u l-istudenti, u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija se jżidu din iċ-ċifra; jirrikonoxxi r-rwol uniku tal-assoċjazzjonijiet tal-għajnuna alimentari madwar l-Unjoni Ewropea li jeħtieġ li jiġu appoġġjati aħjar minħabba l-għadd dejjem akbar ta' persuni li jeħtieġu l-għajnuna; iqis li sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel tagħna jeħtieġ li nżidu l-konnessjonijiet bejn il-politiki tal-ikel u l-politiki agrikoli f'kull livell mil-livell lokali għal dak Ewropew;

52. Jilqa' l-fatt li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ifittex li jiżgura kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti għall-persuni li jaħdmu fil-biedja u s-sajd u għall-familji tagħhom; ifakkar li d-dimensjoni soċjali għandha tkun integrata bis-sħiħ fl-inizjattivi futuri kollha tal-istrateġija flimkien mad-dimensjonijiet ekonomiċi u ambjentali; jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 tefgħet dawl ġdid fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien diffiċli u, għalhekk, jenfasizza l-importanza li jiġu protetti d-drittijiet soċjali u tax-xogħol individwali u kollettivi tal-ħaddiema fl-azjendi agrikoli u tal-ħaddiema, inklużi l-ħaddiema staġjonali u mobbli impjegati tul il-katina tal-provvista alimentari tal-UE; jitlob kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien xierqa għall-ħaddiema kollha fis-settur, in-negozjar kollettiv u l-protezzjoni soċjali;

([69]) Eurostat, 2018.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-art agrikola, l-għarfien agrikolu, il-katina tal-provvista tal-ikel u l-ħaddiema tagħha bħala assi strateġiċi għas-sikurezza u l-benesseri tal-Ewropej kollha u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali tul il-katina tal-provvista agroalimentari, inkluż il-kontroll xieraq tal-prattiki inġusti f'din il-katina, jissodisfaw l-istandards nazzjonali u tal-UE għall-ħaddiema kollha;

54. Jissottolinja l-importanza tal-ħaddiema staġonali għal katina tal-provvista li tiffunzjona tajjeb u jappella għal miżuri robusti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien xierqa għal dawn il-ħaddiema; iħeġġeġ lill-bejjiegħa bl-imnut jassumu r-responsabbiltà u jaderixxu mal-kriterji ta' sostenibbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika fil-prattiki tax-xiri tagħhom;

55. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi pjan ta' emerġenza għall-indirizzar tal-kriżijiet tal-ikel billi titqies l-esperjenza miksuba matul il-pandemija tal-COVID-19 u billi jiġu inklużi miżuri armonizzati biex jiggarantixxu funzjonament xieraq tas-suq intern; jikkunsidra li l-promozzjoni ta' proġetti tal-ikel territorjali li jistimulaw l-iżvilupp ta' ċirkwiti tal-ikel qosra fl-Istati Membri tista' tgħin fl-iffaċċjar ta' kriżijiet bħal dawk;

56. Jikkondividi l-fehma li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza li tiġi żgurata sistema tal-ikel robusta, sostenibbli u reżiljenti li tiffunzjona fiċ-ċirkostanzi kollha, u li tkun kapaċi tiżgura aċċess għal provvista suffiċjenti ta' ikel affordabbli u lokali għall-konsumaturi Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa, f'dan ir-rigward, li jiġi ppreservat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku, u b'mod partikolari l-moviment tal-oġġetti tal-ikel, inkluż matul kriżijiet tas-saħħa; jenfasizza wkoll li l-pandemija għandha titqies ukoll bħala opportunità biex tinbena sistema sostenibbli u reżiljenti tal-ikel u mhux bħala skuża biex jitnaqqsu l-ambizzjonijiet, peress li s-sostenibbiltà u s-saħħa huma kwistjonijiet interkonnessi;

57. Jisħaq fuq il-ħtieġa, parzjalment minħabba t-tfixkil fil-ktajjen tal-produzzjoni globali u ż-żieda fil-volatilità tal-prezzijiet ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, li tiġi żviluppata awtonomija strateġika miftuħa għall-UE bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess għas-swieq ewlenin u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti kritiċi bħal sorsi ta' proteini bbażati fuq il-pjanti; itenni li s-sistemi agroalimentari jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti bħala aspett kruċjali tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE biex tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità tajba u biex jinżammu ktajjen tal-provvista tal-ikel u flussi kummerċjali li jiffunzjonaw u reżiljenti matul kriżijiet futuri, skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Pariġi;

58. Jisħaq li s-settur agroalimentari jappoġġja mhux biss lill-bdiewa iżda wkoll lin-negozji upstream u downstream, jassigura u joħloq l-impjiegi u huwa l-pedament tal-industrija tal-ikel sħiħa; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-preservazzjoni tal-isfond kulturali hija l-forza ewlenija għal żoni rurali attivi; jenfasizza l-importanza tal-artiġjanat tradizzjonali fil-produzzjoni tal-ikel reġjonali u lokali u d-diversità kulturali rikka li tirriżulta minnu; ifakkar li għandu jingħata appoġġ biex l-għarfien tal-artiġjanat fil-produzzjoni tal-ikel jinżamm u jiġi mgħoddi bħala parti orizzontali mill-istrateġija mill-għalqa sal-platt, pereżempju billi jiġi inkluż aħjar fi programmi ta' riċerka u żvilupp parteċipattivi;

59. Jesprimi diżappunt għan-nuqqas ta' prominenza u ambizzjoni għall-kontribut u għall-potenzjal tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni xierqa lin-natura speċifika tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fi kwalunkwe proposta leġiżlattiva, strateġija jew linja gwida futura; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema biex il-popolazzjonijiet tal-ħut jinġiebu f'livelli sostenibbli u biex jiġu restawrati l-ekosistemi tal-baħar u kostali, li għandu jiffoka wkoll fuq il-benefiċċji u s-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali tas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura;

60. Jissottolinja li oqfsa legali robusti u affidabbli għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, li japplikaw b'mod konsistenti l-prinċipju ta' prekawzjoni u allinjati mal-linji gwida strateġiċi aġġornati għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura tal-UE, għandhom jipprovdu l-bażi biex jiġi sfruttat b'mod sostenibbli l-potenzjal fis-settur kif ukoll għal protezzjoni aħjar u miżuri tas-saħħa tal-annimali, inkluż l-użu mnaqqas ta' mediċini veterinarji, kif ukoll antibijotiċi, b'żidiet sussegwenti fil-popolazzjonijiet tal-ħut u b'aktar ċarezza rigward l-użu tal-ispazju u tal-liċenzji għall-użi antropoġeniċi kollha, inkluż fl-akkwakultura, li jippermettu aktar prevedibbiltà biex jiddgħajjef l-investiment mingħajr ma jiddgħajjef l-investiment; jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmu trasparenti u parteċipattiv, f'konformità mad-Direttiva 2014/89/UE dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, għall-allokazzjoni tal-ispazju lill-partijiet ikkonċernati kollha b'mod ekwu; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati bis-sħiħ iż-żoni protetti tal-baħar;

61. Jenfasizza li mekkaniżmi tajba ta' traċċabbiltà, li jwieġbu għat-talbiet tal-konsumaturi billi jipprovdu informazzjoni dwar fejn, meta, kif u liema ħut inqabad jew ġie mrobbi, inkluż it-tikkettar tal-oriġini u l-metodu ta' produzzjoni u standards għoljin ta' sostenibbiltà u ta' benesseri tal-annimali għall-prodotti kollha mibjugħa fis-swieq tal-UE, inklużi dawk importati minn barra l-UE, huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sikurezza tal-ikel, it-trasparenza għall-konsumaturi, is-settur u l-amministrazzjonijiet differenti, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku u tal-SDGs; jenfasizza, għal dan il-għan, l-importanza tat-teknoloġiji li huma ċibersiguri fl-iżvilupp ta' sistemi diġitali preċiżi ta' traċċabbiltà deċentralizzata; jitlob approċċ koordinat biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-inizjattivi differenti dwar din il-kwistjoni, bl-involviment tal-atturi kollha fil-katina tal-valur; jitlob miżuri ta' kontroll biex jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd importati kollha li jidħlu fis-suq tal-UE jikkonformaw ma' standards soċjali maqbula internazzjonalment, bħal dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 188 dwar ix-Xogħol fis-Sajd u implimentati fl-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ([70]), sabiex jiġi evitat li l-prodotti tas-sajd jitqiegħdu fis-suq tal-UE maqbuda minn bastimenti li ma jirrispettawx l-istandards soċjali minimi;

62. Ifakkar fl-għanijiet tal-PKS biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, ir-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ħut' il fuq mil-livelli tal-bijomassa li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, kif ukoll biex tiġi żgurata l-profittabbiltà tal-attivitajiet tas-sajd u biex jingħata kontribut għall-provvista ta' ikel nutrittiv ħafna lis-suq tal-UE u titnaqqas id-dipendenza tas-suq tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar tal-PKS, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art u l-introduzzjoni tal-monitoraġġ elettroniku ta' ċerti bastimenti;

63. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq prattiki sostenibbli eżistenti u jiffaċilitaw, jinkoraġġixxu u jipprovdu appoġġ adegwat għat-tranżizzjoni lejn sajd u akkwakultura b'impatt baxx u l-iżvilupp sostenibbli tas-setturi, inkluż is-sajd kostali fuq skala żgħira, pereżempju permezz tal-applikazzjoni ta' rkaptu tas-sajd selettiv, akkwakultura li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, inkluża l-akkwakultura organika, u soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika u billi jiżdied il-perċentwal tal-kwoti nazzjonali allokati għas-sajd kostali fuq skala żgħira; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati s-sajjieda u l-atturi fil-katina tal-provvista tal-prodotti tal-ħut, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, fit-tranżizzjoni lejn prattiki aktar diġitali billi jsir investiment qawwi fit-taħriġ u jiġi pprovdut finanzjament għad-diġitalizzazzjoni u l-konverżjoni għal prattiki u għodod "ekoloġiċi"; jissottolinja l-importanza tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u l-Akkwakultura (FEMSA) f'dan ir-rigward fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli u l-immodernizzar tas-settur tas-sajd f'konformità mal-objettivi tal-PKS;

64. Jitlob lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jagħmel b'mod proattiv id-dokumenti kollha relatati mal-adozzjoni tar-regolamenti dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC) disponibbli għall-pubbliku, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 640/2019/FP;

65. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi mmonitorjat u promoss l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd filwaqt li tiġi applikata tolleranza żero fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat billi jsir użu sħiħ tal-istrumenti għad-dispożizzjoni tal-UE skont ir-Regolament IUU ([71]), inkluż l-użu ta' "karti ħomor" jekk pajjiż jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-UE u billi tissaħħaħ il-politika tal-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi mhux tal-UE; jenfasizza li dawn il-ftehimiet iridu isiru tassew sostenibbli u jkunu f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u la jridu jheddu s-settur tas-sajd fuq skala żgħira f'pajjiżi mhux tal-UE u lanqas jimminaw is-sikurezza tal-ikel lokali;

66. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu l-miżuri legalment vinkolanti li huma impenjaw ruħhom għalihom fil-qafas tas-siti tal-baħar Natura 2000 u jadottaw approċċ olistiku għall-ambjent tal-baħar u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tat-tniġġis tal-ilma, inkluż l-iskart fil-baħar u l-ilma mormi urban u industrijali, itemmu l-prattiki li huma ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar u s-saħħa tal-bniedem u jinċentivaw lis-sajjieda biex jiġbru l-iskart marittimu b'mod sostenibbli filwaqt li jevitaw il-konsum addizzjonali tal-fjuwil u l-emissjonijiet kif ukoll il-qbid inċidentali tal-annimali u l-ħut u l-impatt negattiv fuq l-ekosistema u jtejbu l-kwalità tas-saħħa tal-annimali u jimplimentaw miżuri għat-trattament xieraq tal-annimali biex b'mod sostenibbli jevitaw il-konsum u l-emissjonijiet addizzjonali tal-fjuwil kif ukoll il-qbid inċidentali ta' annimali u ħut tal-baħar u l-impatt negattiv fuq l-ekosistema u jtejbu l-kwalità tat-trobbija tal-annimali;

([70]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12).

([71]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

67. Jenfasizza l-valur tax-xogħol tan-nisa u l-irġiel fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura u r-rwol importanti li għandhom in-nisa fl-ipproċessar, il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut maqbud; ifakkar fil-potenzjal tal-akkwakultura u s-sajd sostenibbli biex jinħolqu impjiegi ekoloġiċi u jqis li t-tranżizzjoni ekoloġika tas-sistemi tal-ikel, inkluż is-sajd, għandha sseħħ b'mod li jiżgura dħul ġust u pożizzjoni b'saħħitha tul il-katina tal-valur, u jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura;

68. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' tekniki u rkaptu tas-sajd aktar sostenibbli u metodi ta' benesseri ogħla ta' qbid, ħatt l-art, trasport u qtil ta' ħut u invertebrati tal-baħar, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli, kif ukoll titjib fl-istandards tal-benesseri tal-annimali għall-ħut imrobbi sabiex jitnaqqas l-istress u titjieb il-kwalità tal-ħut; jenfasizza li l-Unjoni għandha tappoġġja u tinkoraġġixxi investimenti f'tali tagħmir, metodi u titjib;

69. Jenfasizza l-kontribut tas-sajd fl-għadajjar bil-prattiki ta' ġestjoni tradizzjonali tiegħu għall-kisba tal-miri tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt u tal-istrateġija għall-bijodiversità interkonnessa; jissottolinja li ż-żoni tal-għadajjar ikkultivati jipprovdu ħabitats għal speċijiet rari, jagħmlu kontributi pożittivi għall-klima u għar-riżervi tal-ilma, iservu bħala bjar tan-nutrijenti, iżommu s-sediment u jikkontribwixxu għal produzzjoni sostenibbli tal-ikel reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw is-sajd fl-għadajjar fil-miżuri u l-programmi rilevanti;

70. Ifakkar li l-produtturi primarji huma f'pożizzjoni ferm aktar żvantaġġata f'termini ta' introjtu meta mqabbla kemm mal-operaturi tul il-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll mal-bqija tal-ekonomija; jenfasizza li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi primarji fil-katina tal-provvista tal-ikel, speċjalment fir-rigward tal-produtturi żgħar u ta' daqs medju, sabiex ikunu jistgħu jaqbdu sehem ġust tal-valur miżjud tal-ikel prodott b'mod sostenibbli, inkluż permezz tal-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni u l-azzjonijiet kollettivi, bl-użu tal-possibbiltajiet previsti fl-organizzazzjonijiet tas-suq komuni għall-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-adattament tar-regoli tal-kompetizzjoni;

71. Jenfasizza li l-iżgurar ta' dħul stabbli u ġust għall-produtturi primarji huwa kruċjali biex jippermetti t-tranżizzjoni tas-sistema tal-ikel lejn sostenibbiltà akbar u agrikoltura aktar ċirkolari, fil-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali inġusti u fil-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet; jitlob li l-produtturi primarji fl-UE kollha jiġu appoġġjati biex jagħmlu din it-tranżizzjoni inkluż permezz tal-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u biex tingħata spinta lill-effiċjenza f'termini ta' sistemi tal-biedja, il-ġestjoni tal-iskart u l-provvista u l-imballaġġ tal-input; jissottolinja li l-prezzijiet tal-produtturi għandhom ikopru l-kostijiet tal-produzzjoni u jirriflettu s-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali u jkunu b'hekk konformi mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

72. Huwa tal-fehma li l-ftehimiet tal-katina tal-provvista għandhom jiġu mħeġġa biex jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-valur lill-bdiewa u biex jiggarantixxu trasparenza u traċċabilità akbar fil-katina tal-provvista kollha kemm hi, filwaqt li jrawmu t-tkabbir tal-impjiegi taż-żgħażagħ fis-settur;

73. Jilqa' l-mira li jitqassru l-ktajjen tal-provvista; jenfasizza, madankollu, ir-realtà tal-Istati Membri u t-territorji gżejjer, li huma maqtugħa mill-Ewropa kontinentali, li jiffaċċjaw kwistjonijiet ta' iżolament u dipendenza mill-importazzjonijiet għall-prodotti meħtieġa, bħall-qmuħ għall-għalf tal-annimali, li jeħtieġ li jiġu rispettati meta jiġu implimentati miżuri biex titnaqqas id-dipendenza mit-trasport fuq distanzi twal u miżuri oħra li se jqassru l-ktajjen tal-provvista; jenfasizza li mingħajr trasport fuq distanzi twal ta' ċerti oġġetti tal-ikel is-sigurtà tal-ikel ta' dawn iż-żoni maqtugħa se tiġi pperikolata;

74. Jinnota li l-aspettattivi taċ-ċittadini qed jevolvu u qed iwasslu għal tibdil sinifikanti fis-suq tal-ikel, b'domanda konsegwenti dejjem akbar għal ikel prodott lokalment; jenfasizza l-importanza tal-ikel prodott lokalment, l-opportunitajiet li joffri lill-bdiewa tagħna u l-kontributi pożittivi sinifikanti li jista' jagħti lill-ambjent tagħna; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp ta' strateġiji dwar l-ikel lokali, flimkien ma' inizjattivi ta' ktajjen qosra ta' provvista;

75. Jirrikonoxxi l-importanza ta' ikel organiku frisk ikkunsmat lokalment, li huwa ta' benefiċċju għas-saħħa tal-konsumaturi u l-ambjent; jenfasizza l-potenzjal kbir fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-produtturi primarji lokali u l-fornituri tas-servizzi turistiċi, li jista' jtejjeb il-konsum ta' ikel frisk imkabbar lokalment; jitlob miżuri ta' appoġġ biex jippromovu din il-kooperazzjoni;

76. Jitlob li jiġu promossi miżuri li jippermettu li l-materja prima tiġi pproċessata kemm jista' jkun qrib il-post ta' oriġini tagħha, li jnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta tal-karbonju u jiżgura traċċabbiltà aħjar tal-oġġetti tal-ikel;

77. Jenfasizza li filwaqt li l-mudelli tan-negozju sostenibbli ġodda huma opportunitajiet enormi għall-SMEs, diversi inizjattivi previsti fl-ambitu tal-istrateġija jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' burokrazija sostanzjali; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li taderixxi mal-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar, li tivvaluta l-impatti fuq l-SMEs, kif ukoll li tieħu azzjoni biex tippromwovi l-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, speċifikament għall-SMEs, li tuża l-Fond InvestEU biex tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, u li toffri soluzzjonijiet imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jiżviluppaw ħiliet u mudelli tan-negozju ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-parteċipanti żgħar u ta' daqs medju fil-katina tal-ikel, permezz ta' miżuri bħas-semplifikazzjoni tal-proċessi ta' reġistrazzjoni u li l-permessi u l-liċenzji kif ukoll l-approvazzjonijiet isiru aktar effiċjenti u billi jiġi żgurat ukoll li l-korpi regolatorji rilevanti jkollhom persunal xieraq, sabiex il-produtturi ż-żgħar tal-ikel idaħħlu l-prodotti tagħhom fis-suq kemm jista' jkun malajr u faċilment;

78. Iqis li l-baġit allokat sabiex jinkisbu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta mhuwiex biżżejjed biex jittratta b'mod soċjalment sostenibbli l-konsegwenzi tat-trasformazzjoni mistennija; jitlob li l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jkopri wkoll ir-reġjuni agrikoli li jistgħu jiġu affettwati b'mod avvers u jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment xieraq tas-sħab soċjali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi futuri tal-istrateġija; ifakkar li t-tranżizzjoni għal din is-sistema se tkun tirrikjedi investimenti sinifikanti u ma tistax titwettaq mingħajr il-kompliċità u l-appoġġ tal-bdiewa Ewropej;

79. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinforza bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti u timmonitorja bir-reqqa t-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u tressaq proposti konkreti f'konformità mal-istrateġija;

80. Itenni li l-kwalità differenzjata fil-prodotti tal-ikel mhijiex aċċettabbli u jeħtieġ li tiġi kontrobilanċjata bis-sħiħ biex jiġi evitat li jkun hemm diskriminazzjoni kontra l-konsumaturi tal-UE u li dawn jiġu mqarrqa; iqis, għalhekk, li l-istrateġija mill-għalqa sal-platt trid tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi evitat standards doppji fil-kwalità tal-ikel, u għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni fis-suq mill-qrib u tipproponi leġiżlazzjoni mmirata fejn meħtieġ; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fl-identifikazzjoni ta' dawn il-prattiki qarrieqa;

81. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li ssegwi l-kodiċi ta' kondotta tal-UE dwar prattiki kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni responsabbli billi tipproduċi qafas ta' monitoraġġ għas-setturi tal-ikel u tal-bejgħ bl-imnut u tipprevedi miżuri leġiżlattivi jekk il-progress fl-integrazzjoni tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali u kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-benesseri tal-annimali fl-istrateġiji korporattivi ma jkunx biżżejjed, u b'dan il-mod tippromwovi u tippremja l-isforzi ta' produtturi agrikoli sostenibbli filwaqt li żżid id-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli u tnaqqas l-impronta ambjentali ġenerali tas-sistema tal-ikel;

82. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-kodiċi ta' kondotta tal-UE għan-negozji tal-ikel u tal-bejgħ bl-imnut jiffoka fuq impenji li huma rilevanti għat-tiswir ta' ambjenti tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli, u li huma speċifiċi, miżurabbli u marbuta biż-żmien, li jistgħu jindirizzaw l-istandards doppji fil-prattiki agroalimentari u huma ċċentrati fuq operazzjonijiet ewlenin tal-entitajiet involuti;

83. Jisħaq fuq l-importanza tat-twaqqif u l-indirizzar tal-konsolidazzjoni u l-konċentrazzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-merċa sabiex jiġu żgurati prezzijiet ġusti għall-bdiewa u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-ispejjeż tal-produzzjoni agrikola jiġu kkunsidrati mill-atturi upstream u li jiġu applikati prezzijiet ġusti fil-ħoloq kollha fil-katina tal-provvista; ifakkar fl-importanza li l-bdiewa jsiru aktar reżiljenti fis-suq billi jinkiseb aktar valur mill-katina tal-ikel, li jinkiseb billi titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom pereżempju f'organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi;

84. Jitlob li jsir titjib b'mod mhux diskriminatorju fil-politika ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli u tal-ikel, kif ukoll fl-iskema tal-iskejjel tal-UE u fl-inizjattiva European Healthy School Lunches; jemmen li dan it-titjib għandu jsaħħaħ il-produzzjoni agrikola Ewropea ta' kwalità għolja u jikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli f'konformità ma' din l-istrateġija, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-SDGs; iqis li dan it-titjib għandu jiffoka fuq messaġġi edukattivi bbażati fuq data xjentifika disponibbli, fuq tikketti tal-kwalità tal-UE bħat-tikketta organika tal-UE u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, fuq ktajjen tal-provvista qosra, lokali u reġjonali, fuq nutrizzjoni u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, u fuq il-promozzjoni ta' konsum akbar ta' frott u ħaxix bħala parti minn dieta varjata u bilanċjata, u konsum aktar baxx ta' zokkor, melħ u xaħmijiet bil-għan li jitnaqqsu r-rati tal-obeżità;

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

85. Jenfasizza barra minn hekk, fil-kuntest tal-programm ta' promozzjoni tal-UE, l-importanza tal-ekoloġizzazzjoni tal-ambjent, kemm ġewwa kif ukoll barra, bħala soluzzjoni naturali għall-effetti tat-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-arja, kif ukoll bħala ambjent ta' għajxien tajjeb għas-saħħa u l-benesseri tan-nies;

86. Jissottolinja l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kampanji ta' informazzjoni Ewropej dwar il-konsum moderat tal-inbejjed filwaqt li tinżamm il-promozzjoni ta' prodotti ta' kwalità; iqis li huma biss il-kampanji wiesgħa ta' informazzjoni u edukazzjoni li jkunu effettivi fil-ġlieda kontra l-abbuż tal-konsum u jfakkar li l-konsum moderat tal-inbid huwa parti mid-dieta Mediterranja;

87. Jirrikonoxxi r-rwol tal-iskemi ta' kwalità tal-UE u l-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-UE, bħad-denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), l-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), l-indikazzjoni ġeografika (IĠ) tax-xorb spirituż u l-inbejjed aromatizzati u l-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG), li huma eżempji eċċellenti ta' kif l-UE tistabbilixxi standards ta' kwalità fl-agrikoltura; jilqa' r-reviżjoni tal-politika tal-UE dwar l-IĠ biex l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew id-denominazzjonijiet ta' oriġini jkunu jistgħu jikkontribwixxu aktar għas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tar-reġjuni Ewropej, għall-benefiċċju tal-produtturi, il-konsumaturi u s-soċjetà kollha kemm hi permezz tal-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja li joħolqu rabta qawwija mar-reġjuni; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb ir-rikonoxximent tal-awtentiċità tagħhom fost il-konsumaturi li mhux dejjem ikunu f'pożizzjoni li jiddistingwu l-IĠ Ewropej minn prodotti oħra mingħajr id-denominazzjoni; iqis li huwa neċessarju wkoll li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-produtturi ż-żgħar li jixtiequ jissieħbu f'dawn l-iskemi ta' kwalità u li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-IĠ kontra l-użu ħażin jew l-imitazzjoni fil-livell internazzjonali; itenni r-rwol importanti tagħhom fil-kummerċ bejn l-UE u pajjiżi sħab;

88. Jenfasizza r-rikonoxximent fl-istrateġija li d-dieti tal-biċċa l-kbira tal-Ewropej mhumiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet għal ikel tajjeb għas-saħħa, u li hija meħtieġa bidla fil-popolazzjoni kollha fix-xejriet tal-konsum lejn ikel, dieti u stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa, inkluż konsum akbar ta' pjanti prodotti b'mod sostenibbli u reġjonali u ikel ibbażat fuq il-pjanti, bħal frott u ħaxix frisk, qmuħ u legumi sħaħ, u biex jiġi indirizzat il-konsum żejjed ta' laħam u prodotti li jiġu prodotti b'mod ultraproċessat, kif ukoll prodotti b'livell għoli ta' zokkor, melħ u xaħmijiet, li jiżguraw aktar benesseri tal-annimali, li se jibbenefikaw ukoll minn ambjent aktar reżiljenti; jenfasizza li rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza fl-UE kollha, inklużi objettivi ċari, għal dieti sostenibbli, tajbin għas-saħħa u aktar bilanċjati, b'kont meħud tad-diversità kulturali u reġjonali tal-ikel u d-dieti Ewropej, kif ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi, jgħinu u jinkoraġġixxu lill-konsumaturi u jinformaw l-isforzi tal-Istati Membri stess biex jintegraw elementi ta' sostenibbiltà fil-pariri nazzjonali dwar id-dieta; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa tali rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet speċifiċi biex tippromwovi b'mod effettiv dieti tajbin għas-saħħa, sostenibbli u aktar ibbilanċjati;

89. Jilqa' l-fatt li l-istrateġija ġustament tirrikonoxxi r-rwol u l-influwenza tal-ambjent tal-ikel fit-tfassil tax-xejriet tal-konsum u l-ħtieġa li jsir aktar faċli għall-konsumaturi li jagħżlu dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu approċċ aktar sistematiku u bbażat fuq l-evidenza sabiex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' ambjenti tal-ikel tajbin għas-saħħa, sostenibbli u ġusti minflok ma jiddependu biss fuq kodiċi ta' kondotta; itenni l-importanza tal-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa, aktar ibbilanċjati u sostenibbli permezz tat-titjib tal-ambjent tal-ikel, is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impatti tax-xejriet tal-konsum, inkluż permezz ta' kanali diġitali, u l-għoti ta' informazzjoni dwar dieti li huma aħjar għas-saħħa tal-bniedem u li għandhom marka tal-karbonju u ambjentali aktar baxxa, bħal prodotti minn ktajjen tal-provvista lokali u reġjonali qosra, li għandhom ikunu akkumpanjati minn firxa ta' miżuri biex il-produzzjoni tal-ikel issir aktar sostenibbli b'mod awtomatiku;

90. Jitlob li jkun hemm firxa komprensiva u komplementari ta' miżuri, inklużi miżuri regolatorji u kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi biex jitnaqqas il-piż li jpoġġu fuq is-saħħa pubblika l-konsum żejjed ta' ikel ipproċessat ħafna kif ukoll ta' prodotti oħra b'kontenut għoli ta' melħ, zokkor u xaħam; Jistieden lill-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut ewlenin tal-ikel jirriformulaw malajr u serjament dak l-ikel ipproċessat mhux kopert mill-iskemi tal-kwalità tal-UE fejn jista' jinkiseb titjib lejn kompożizzjoni aktar b'saħħitha, u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi inizjattivi biex tistimula din ir-riformulazzjoni, inkluż billi tistabbilixxi livelli massimi ta' zokkor, xaħmijiet u melħ f'ċertu ikel ipproċessat, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-progress fir-riformulazzjoni; jenfasizza li tali riformulazzjonijiet għandhom ifittxu wkoll li jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa kkawżati minn aġenti għat-titjib tal-ikel, residwi tal-pestiċidi u sustanzi kimiċi ta' ħsara; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-ikel għat-tfal u ikel ieħor bi skop speċjali u għal approċċ regolatorju effettiv u mifrux mal-UE kollha biex jiġi indirizzat l-esponiment tat-tfal u l-adolexxenti għar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel ipproċessat b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor u melħ fuq il-midja tax-xandir u diġitali;

91. Iqis li l-iżvilupp ulterjuri u l-innovazzjoni sostenibbli fil-qasam tal-produzzjoni tal-proteina tal-pjanti u sorsi alternattivi ta' proteina fl-UE, bħall-insetti u l-alka, huwa mod kif jiġu indirizzati b'mod effettiv bosta mill-isfidi ambjentali u klimatiċi li qed tiffaċċja l-agrikoltura tal-UE, kif ukoll kif tiġi prevenuti d-deforestazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema f'pajjiżi barra mill-UE u titnaqqas id-dipendenza attwali tal-Ewropa mill-provvisti tal-proteina tal-pjanti; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq ir-rapport tagħha dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea (COM(2018)0757) u tippreżenta strateġija ta' tranżizzjoni tal-proteina tal-UE li tkopri d-domanda u l-aspett tal-provvista biex tappoġġja u tagħti spinta lill-produzzjoni sostenibbli tal-għelejjel tal-proteina, inklużi l-provvisti lokali tal-għalf u l-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li ssaħħaħ l-awtosuffiċjenza tal-UE u tnaqqas l-impatti ambjentali u klimatiċi globali; jissottolinja l-importanza li titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjoni ta' għelejjel tal-proteina minn barra l-pajjiż;

92. Ifakkar fit-talba tiegħu li l-valutazzjoni tar-riskju ġeneriku tal-UE tiġi estiża għal-leġiżlazzjoni kollha biex tiġi evitata l-espożizzjoni tal-konsumaturi għal sustanzi perikolużi fl-ikel;

93. Ifakkar li profili nutrizzjonali, li ilhom tant mistennija, jibqgħu pertinenti u neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([72]); jilqa' t-tħabbira ta' proposta leġiżlattiva biex jiġu stabbiliti profili nutrizzjonali; jirrimarka li ħafna prodotti tal-ikel, inklużi whud kummerċjalizzati lejn it-tfal, ikomplu jużaw indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, minkejja li għandhom livelli għolja ta' nutrijenti li jaqjmu tħassib; jisħaq li jrid jiġi żviluppat sett robust ta' profili nutrizzjonali biex jipprojbixxi l-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa dwar ikel b'kontenut għoli ta' xaħmijiet, zokkor u/jew melħ; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-ikel għat-tfal u lil ikel ieħor bi skop speċjali;

94. Jirrikonoxxi li t-tikketti nutrizzjonali fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ġew identifikati minn korpi tas-saħħa pubblika internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bħala għodda ewlenija biex tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet aktar infurmati, aktar ibbilanċjati u aktar tajbin għas-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel; jisħaq fuq il-fatt li s-sistema ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, li hija konsistenti mal-linji gwida dwar id-dieta u li tikkumplimentahom, għandha tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa billi tipprovdilhom informazzjoni komprensibbli dwar l-ikel li jikkunsmaw; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tiġi żviluppata tikketta nutrizzjonali tal-UE obbligatorja u armonizzata fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ibbażata fuq evidenza xjentifika robusta u indipendenti u ta' fehim ippruvat tal-konsumatur, b'aċċess miftuħ għall-operaturi kollha tas-suq inklużi l-operaturi żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jitqies il-piż addizzjonali għall-operaturi tal-ikel u l-unions; jisħaq barra minn hekk, li biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil bejn il-prodotti, it-tikketta għandha tinkludi element interpretattiv li jipprovdi informazzjoni dwar il-prodott trasparenti, komparabbli u armonizzata u jkun ibbażat fuq ammonti ta' referenza uniformi; jistieden lill-Kummissjoni tqis kif xieraq il-karatteristiċi speċifiċi ta' prodotti b'ingredjent uniku u prodotti taħt l-iskemi ta' kwalità Ewropej (DPO, IĠP, IĠ eċċ.), b'mod partikolari l-invarjabbiltà tal-kompożizzjoni tagħhom, filwaqt li jisħaq li kwalunkwe kunsiderazzjoni rigward eżenzjonijiet potenzjali għandha tkun ibbażata fuq raġunament xjentifiku; jitlob li tiġi stabbilita sistema diġitali għall-għoti ta' informazzjoni volontarja addizzjonali għall-prodotti alimentari ("EU4healthyfood"), u jissuġġerixxi li din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta b'mod diġitali permezz ta' kodiċi QR u tittella' faċilment mill-konsumatur;

95. Jinnota li l-prodotti tajbin għas-saħħa, inkluż l-ikel, jista' jkun fihom ingredjenti naturali jew sintetiċi, li jkollhom impatti differenti fuq l-ambjent u s-saħħa tal-konsumaturi; jitlob li jiġu introdotti skemi ta' tikkettar obbligatorji għall-prodotti tas-saħħa, li jindikaw jekk ingredjent ikollux oriġini sintetika meta jinkiseb permezz ta' sinteżi kimika, speċjalment f'każijiet fejn ikunu jeżistu ekwivalenti naturali;

96. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-bidliet fl-imġiba tal-konsumatur, bħal fix-xiri online ta' prodotti tal-ikel;

97. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li għandha l-għan li ttejjeb it-tikkettar tal-oriġini u testendih għal firxa usa' ta' prodotti; itenni t-talba tiegħu għal tikkettar obbligatorju tal-oriġini; jisħaq fuq il-fatt li dan għandu jkun komprensiv u armonizzat u jkopri l-prodotti tal-ikel kollha u għandu jkopri l-faċilitajiet tal-forniment tal-ikel, ir-ristoranti u l-bejgħ bl-imnut u jkun kompletament verifikabbli u traċċabbli u ma jimminax il-funzjonament xieraq tas-suq intern; jenfasizza li r-regolament dwar l-informazzjoni dwar l-ikel ([73]) jeħtieġ li jiġi rivedut b'enfasi fuq il-ħalib u l-laħam bħala ingredjenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrettifika l-prattika attwali li biha l-prodotti li l-ingredjenti primarji tagħhom ma joriġinawx minn sorsi lokali jew reġjonali jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati bħala tali jekk l-oriġini ta' dawn l-ingredjenti primarji

([72]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

([73]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

mhux lokali tiġi indikata f'tipa żgħira, u biex l-oriġini tal-ingredjenti primarji ssir aktar viżibbli għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi bidliet leġiżlattivi għar-regoli dwar it-tikkettar tal-għasel li se jirriżultaw f'informazzjoni aħjar għall-konsumatur u tappoġġja s-settur tat-trobbija tan-naħal tal-UE billi ssaħħaħ l-ispezzjonijiet tal-importazzjoni sabiex tipprevjeni l-importazzjonijiet ta' għasel adulterat filwaqt li tenfasizza li t-tikkettar tal-pajjiż tal-oriġini jeħtieġ li jiġi infurzat b'mod effettiv biex tiġi miġġielda l-frodi alimentari;

98. Jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni li toħloq qafas tat-tikkettar tal-ikel u jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-metodoloġija u tispeċifika liema dimensjonijiet tas-sostenibbiltà jkunu koperti, filwaqt li tiżgura li l-iskema l-ġdida ma tkunx konfliġġenti mal-oqfsa ambjentali eżistenti, bħall-ekotikketta tal-UE jew il-logo organiku; jenfasizza li bħalissa qed jintużaw ħafna indikazzjonijiet ambjentali u metodi ta' reklamar mhux sostanzjati u saħansitra qarrieqa u jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi qafas regolatorju li jistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni minn qabel ċara, rapida u effiċjenti għall-indikazzjonijiet u t-tikketti kollha dwar is-sostenibbiltà; jisħaq li tali qafas jipproteġi lill-konsumaturi minn indikazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà mhux veritiera, filwaqt li jiżgura li n-negozji li ġenwinament jistinkaw biex iwettqu operazzjonijiet li jirrispettaw aktar l-ambjent jiġu debitament ippremjati għall-isforzi tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' spezzjonijiet mill-awtoritajiet ta' kontroll pubbliċi ta' kwalunkwe tikketta permessa fuq il-prodotti tal-ikel;

99. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi stabbilit tikkettar fuq il-prodotti tal-annimali, li għandu jkun ibbażat fuq l-identifikazzjoni tal-metodu ta' produzzjoni kif ukoll l-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, u li jkun jinkludi l-post tat-twelid, tat-trobbija u tal-qtil tal-annimal, u jisħaq fuq il-fatt li dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu estiżi għall-prodotti pproċessati sabiex tiżdied it-trasparenza, tingħata għajnuna lill-konsumaturi biex jagħmlu għażla aħjar u biex jingħata kontribut għall-benesseri tal-annimali; jisħaq fuq il-fatt li l-produzzjoni u l-adozzjoni mis-suq ta' proteini bbażati fuq il-pjanti għandhom jiġu appoġġjati aħjar, u jitlob, barra minn hekk, li l-armonizzazzjoni tant mistennija tar-rekwiżiti fir-rigward tat-tikkettar tal-ikel veġetarjan u vegan titressaq mingħajr aktar dewmien;

100. Jafferma mill-ġdid il-fehma tiegħu li l-miżuri ta' politika biex tiżdied is-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel m'għandhomx jiddependu biss fuq it-trasferiment tar-responsabbiltà għax-xiri ta' prodotti sostenibbli lill-konsumaturi peress li din mhijiex effikaċi, filwaqt li l-għażla tal-konsumatur hija fattur importanti għall-adozzjoni ta' dieti prodotti b'mod sostenibbli u aktar tajbin għas-saħħa; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' edukazzjoni nutrizzjonali u ambjentali tajba, kif ukoll id-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti li tinftiehem faċilment; jenfasizza li t-tikkettar tas-sostenibbiltà għandu jkun ibbażat fuq kriterji ta' sostenibbiltà armonizzati xjentifiċi, għandu jinkludi spezzjonijiet mill-awtoritajiet ta' kontroll pubbliċi kull fejn ikun possibbli, u miżuri leġiżlattivi ġodda fejn meħtieġ; jinnota, madankollu, li ċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar ta' partijiet terzi waħedhom mhumiex effettivi, iżda jistgħu jservu ta' għodod komplementari biex jiżguraw it-tranżizzjoni lejn produzzjoni u konsum sostenibbli; jirrikonoxxi li ż-żieda fit-trasparenza permezz ta' metodi bħat-tikkettar hija element importanti li jista' jgħin lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri aktar sostenibbli, li huwa importanti biex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli, reġjonali u tajba għas-saħħa;

101. Jissottolinja li l-prezzijiet tal-ikel iridu jibagħtu is-sinjal il-ġust lill-konsumaturi; iqis li prezzijiet tal-ikel reali, li jirriflettu wkoll l-ispiża vera tal-produzzjoni għall-bdiewa kif ukoll għall-ambjent u għas-soċjetà, huma l-uniku mod effiċjenti kif jinkisbu sistemi tal-ikel sostenibbli u ekwi fit-tul; jilqa', għalhekk, l-objettiv tal-istrateġija li tidderieġi lill-industrija tal-ikel lejn prattiki li jagħmlu l-għażla tajba għas-saħħa u sostenibbli l-aktar waħda faċli, aċċessibbli u affordabbli għall-konsumaturi; jaqbel li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jiddifferenzjaw ir-rati tal-VAT fuq l-ikel b'impatti differenti fuq is-saħħa u l-ambjent, u li jitħallew jagħżlu rata żero ta' VAT għal prodotti tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli bħall-frott u l-ħaxix, kif diġà qiegħed jiġi implimentat f'xi Stati Membri iżda li attwalment mhux possibbli għal kulħadd ([74]), kif ukoll rata ogħla ta' VAT fuq ikel mhux tajjeb għas-saħħa u fuq ikel li għandu impronta ambjentali għolja; ifakkar li n-nefqa tal-unitajiet domestiċi fuq il-prodotti tal-ikel tvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri tal-UE u li l-affordabbiltà għandha tiġi żgurata għall-konsumaturi fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll dħul ġust għall-produtturi primarji għall-prodotti sostenibbli u tajbin għas-saħħa tagħhom u tiżdied it-trasparenza u l-għarfien tal-konsumaturi rigward l-ispejjeż u l-profitti relatati ma' kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tniedi studju biex tikkwantifika f'termini ekonomiċi l-ispejjeż ambjentali u tas-soċjetà (inklużi dawk relatati mas-saħħa) assoċjati mal-produzzjoni u l-konsum tal-aktar prodotti tal-ikel ikkonsmati fis-suq tal-UE;

([74]) Supporting the mid-term evaluation of the EU action plan on childhood obesity, The childhood obesity study (Appoġġ għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-obeżità fit-tfal, L-istudju dwar l-obeżità fit-tfulija). Konsorzju EPHORT: Jolanda Boer, Jeanine Driesenaar, Anneke Blokstra, Francy Vennemann, Nikolai Pushkarev, Johan Hansen.

102. Jitlob rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku bil-ħsieb li jiġu introdotti jew jissaħħu kriterji obbligatorji minimi għall-kindergartens u l-iskejjel, istituzzjonijiet pubbliċi oħra u kumpaniji privati li jipprovdu servizzi pubbliċi sabiex jinkoraġġixxu: produzzjoni sostenibbli tal-ikel, inkluż ikel tradizzjonali u tipiku b'indikazzjonijiet ġeografiċi; il-konsum ta' prodotti lokali u, fejn possibbli, staġjonali; ktajjen tal-provvista qosra inkluż il-bejgħ dirett; standards tal-benesseri tal-annimali ogħla; u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u tal-imballaġġ f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari; jitlob il-promozzjoni ta' dieti u xejriet ta' dieta aktar tajbin għas-saħħa u bbilanċjati bil-ħolqien ta' ambjent tal-ikel li jgħin biex l-għażliet infurmati u sostenibbli jkunu l-għażliet l-aktar faċli għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa għodod ta' monitoraġġ u rappurtar dwar l-akkwist tal-ikel sostenibbli;

103. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tirrieżamina l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel (FCM) filwaqt li jiddispjaċih għan-nuqqas ta' azzjoni armonizzata mwettqa s'issa u jipproponi li l-Kummissjoni tressaq 'il quddiem id-data tal-pubblikazzjoni tal-proposta; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' regolamentazzjoni komprensiva u armonizzata tal-FCMs kollha inklużi dawk il-materjali u kontaminanti li għadhom mhumiex koperti fil-livell tal-UE, jinsisti li dan għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' "ebda data, ebda suq", valutazzjonijiet komprensivi tas-sikurezza bbażati fuq l-aktar data xjentifika u ħidma xjentifika reċenti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-EFSA, u jisħaq fuq l-importanza ewlenija tal-infurzar effettiv u fuq l-għoti ta' informazzjoni mtejba lill-konsumaturi; itenni t-talba tiegħu biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-FCM f'konformità mar-regolament dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), kif ukoll ir-regolamenti dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ, u biex jiddaħħlu, mingħajr aktar dewmien, dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiġu sostitwiti sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali u sustanzi kimiċi perikolużi fl-FCM kollha, filwaqt li ma jintmessx ir-rwol tal-ippakkjar fil-preservazzjoni tal-sikurezza jew il-kwalità tal-ikel; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli għar-riċiklaġġ sikur tal-materjali kollha tal-plastik fl-FCM, ħlief il-PET; jisħaq fl-istess ħin li għandhom jiġu applikati rekwiżiti ta' sikurezza ugwali għall-materjali verġni u riċiklati u li l-atturi responsabbli fil-ktajjen tal-provvista u l-konsumaturi finali għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw faċilment l-informazzjoni dwar l-identità u s-sikurezza tas-sustanzi kimiċi fil-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel;

104. Jenfasizza li l-iskart u l-ħela tal-ikel għandhom konsegwenzi ambjentali enormi, jaggravaw it-tibdil fil-klima u jirrappreżentaw ħela ta' riżorsi limitati bħall-art, l-enerġija u l-ilma u telf ta' dħul għall-bdiewa; itenni t-talba tiegħu biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tinkiseb mira tal-Unjoni ta' tnaqqis tal-ħela tal-ikel bi 30 % sal-2025 u 50 % sal-2030, meta mqabbel mal-bażi ta' referenza tal-2014; jissottolinja li hemm bżonn ta' miri vinkolanti f'kull stadju tal-katina ta' provvista, inkluż fil-livell tal-produzzjoni primarja, qabel il-bejgħ u waqt il-bejgħ; jistieden lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' prevenzjoni tal-ħela tal-ikel li jintegraw bis-sħiħ il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u jinkludu l-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra, li jnaqqsu r-riskju li tiġi ġġenerata l-ħela tal-ikel; jisħaq fuq il-fatt li l-objettivi tal-PAK jinkludu l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, jenfasizza li għandha titħeġġeġ azzjoni biex titrażżan il-ħela tal-ikel li sseħħ fil-livell tal-produzzjoni primarja u fl-istadji bikrija tal-katina tal-provvista, inkluż ikel mhux maħsud; jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata s-saħħa tal-annimali, fost l-oħrajn bħala mezz biex jiġi evitat it-telf u l-ħela tal-ikel fis-sors u jenfasizza li l-irkupru tal-iskart tal-ikel ibbażat fuq il-pjanti għall-għalf tal-annimali huwa soluzzjoni vijabbli fejn il-ħela tal-ikel ma tistax tiġi evitata; jisħaq fuq l-importanza li titqajjem kuxjenza pubblika u li tiġi pprovduta gwida dwar kif tiġi evitata l-ħela tal-ikel biex tiġi promossa bidla fit-tul fl-imġiba tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika kwalunkwe ostaklu potenzjali li jfixkel il-pass aktar mgħaġġel tat-tnaqqis tal-iskart u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament adegwat għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-involviment tal-partijiet interessati u l-kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni permezz tal-ħolqien ta' fondi nazzjonali għall-ħela tal-ikel bil-għan li tiġi eliminata l-ħela;

105. Jissottolinja li, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, l-enfasi għandha tkun fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel; jilqa' r-rieżami propost biex jiġu ċċarati r-regoli attwali tal-UE dwar l-immarkar tad-data sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-ħela u t-telf tal-ikel; jisħaq li kwalunkwe bidla fir-regoli dwar l-immarkar tad-data għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u għandha ttejjeb l-użu, l-espressjoni u l-preżentazzjoni tal-immarkar tad-data mill-atturi kollha fil-katina tal-ikel, inkluż fl-industrija tal-ospitalità, u l-fehim tagħha mill-konsumaturi, b'mod partikolari t-tikkettar ta' "uża sa" u "l-aħjar qabel", filwaqt li fl-istess ħin ma ddgħajjifx is-sikurezza jew il-kwalità tal-ikel; jenfasizza li l-immarkar tad-data armonizzat jgħin fil-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel; jitlob li dan jiġi akkumpanjat minn reviżjoni tar-regoli dwar id-distribuzzjoni ta' oġġetti tal-ikel, bl-objettivi li jiġu identifikati u eliminati l-ostakoli potenzjali għat-tnaqqis tal-ħela, tiġi promossa l-effiċjenza, kif ukoll tingħata spinta lill-kompetizzjoni u l-innovazzjoni;

106. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalsifikar tal-ikel fis-settur tal-ikel li jqarraq bil-konsumaturi u jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq intern, jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod urġenti l-kwistjoni kumplessa tal-frodi alimentari, b'mod aktar speċifiku inkluż it-tikkettar ħażin, is-sostituzzjoni, id-dilwizzjoni, iż-żieda, it-tneħħija jew

is-sostituzzjoni ta' ingredjenti b'sostituzzjonijiet orħos jew inferjuri, trattamenti jew proċessi kimiċi mhux approvati u dokumentazzjoni ffalsifikata, u b'attenzjoni partikolari għall-iffalsifikar u l-kummerċ illegali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi; jenfasizza l-importanza li jiġu imposti pieni effettivi li jikkorrispondu għar-reat u jistieden lill-Istati Membri jirriflettu b'mod adegwat dak il-prinċipju fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'konformità mar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali ([75]); jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq Forza Ewropea kontra l-frodi alimentari biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali rilevanti differenti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' standards tal-ikel tal-UE kemm fis-suq uniku tal-UE kif ukoll rigward tal-importazzjonijiet tagħna;

107. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja u tinforza l-allokazzjoni kontinwa ta' riżorsi adegwati għall-kontrolli uffiċjali tal-ikel sabiex jiġi żgurat li jitwettaq għadd suffiċjenti ta' kontrolli biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-ikel u tal-għalf u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli doganali biex jiżguraw il-konformità mal-istandards tal-produzzjoni tal-UE, fost l-oħrajn dwar is-sikurezza tal-ikel, ir-reżistenza antimikrobika, il-benesseri tal-annimali u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll biex jiġi evitat id-dħul ta' pesti tal-pjanti u tal-annimali fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw b'mod rigoruż u konsistenti d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà tal-prodotti tar-Regolament tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (GFL) ([76]) fil-katina alimentari kollha; jenfasizza li f'każijiet ta' inċidenti li jinvolvu riskji għas-saħħa u s-sikurezza pubblika, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jinformaw b'mod sħiħ u minnufih lill-pubbliku dwar ir-riskji potenzjali maħluqa mill-prodotti tal-ikel ikkonċernati, bi qbil mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament GFL;

Niffaċilitaw it-tranżizzjoni

108. Jissottolinja l-importanza tal-finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, speċjalment għall-SMEs u l-bdiewa ż-żgħar, bħala muturi ewlenin fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn Sistema Ewropea tal-ikel aktar sostenibbli, produttiva, diversifikata, lokali, tajba għas-saħħa u inklużiva; jinkoraġġixxi lis-settur agroalimentari juża b'mod attiv il-finanzjament allokat għalih f'Orizzont Ewropa f'dan ir-rigward; jenfasizza bl-istess mod il-ħtieġa li jiġu ffaċilitati l-investimenti meħtieġa biex jitħeġġu prattiki sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija;

109. Jirrimarka li l-introduzzjoni ta' teknoloġiji u tekniki ġodda ta' biedja intelliġenti, inkluż id-diġitalizzazzjoni u s-sistemi protetti tal-ħsad, tista' tkun ta' benefiċċju biex jittejbu l-effiċjenza, l-użu tar-riżorsi, is-sostenibbiltà ambjentali u jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi pożittivi tal-produzzjoni agrikola; jirrikonoxxi li l-innovazzjoni trid tibqa' kompatibbli mal-irkupru u l-promozzjoni ta' prattiki u għarfien tradizzjonali, speċjalment dawk adattati għall-karatteristiċi agroklimatiċi ta' kull żona;

110. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati d-diversi prattiki integrati tal-ġestjoni tal-pesti u li jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza indipendenti għall-azjendi agrikoli biex jiġi żgurat trasferiment usa' u inklużiv tal-għarfien lis-settur tal-biedja; jemmen li dan jista' jiġi megħjun permezz tal-istabbiliment ta' sistema għall-ġbir u t-tixrid ta' prattiki sostenibbli u billi wieħed jibni fuq is-sistemi ta' taħriġ speċjalizzat eżistenti għall-bdiewa fl-Istati Membri, minħajr ma jiġu introdotti piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-bdiewa fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw sehem suffiċjenti tal-allokazzjonijiet tagħhom għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għas-servizzi u l-assistenza teknika relatati ma' prattiki sostenibbli li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-istrateġija; jemmen li, b'kunsiderazzjoni tal-għarfien miksub u l-għarfien espert tagħhom, il-kontribut tal-produtturi primarji fuq skala żgħira jkollu wkoll rwol importanti fil-kisba ta' riżultati reali fil-livell ta' azjendi agrikoli individwali;

111. Jenfasizza l-importanza tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fit-trawwim tal-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, u fl-għoti ta' pariri dwar l-aħjar prattiki sostenibbli; jirrikonoxxi r-rwol tal-universitajiet fl-iżvilupp u t-tranżizzjoni tas-setturi agroalimentari ta' reġjuni b'karatteristiċi distinti, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi; jilqa' l-intenzjoni tal-istrateġija li tingħata għajnuna lill-SMEs li jipproċessaw l-ikel u lill-operaturi żgħar tal-bejgħ bl-imnut jiżviluppaw kompetenzi ġodda filwaqt li jiġi żgurat li ma jkunux soġġetti għal piżijiet amministrattivi addizzjonali; jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' approċċi kollettivi permezz ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u kooperattivi biex il-bdiewa jingħaqdu flimkien biex jilħqu l-għanijiet tagħhom;

([75]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([76]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

112. Jenfasizza li hemm bosta sinerġiji possibbli bejn l-agrikoltura u l-politika spazjali Ewropea sabiex jiġi żgurat li jkun hemm rkupru reali tal-kwalità tal-ħamrija u tal-ikel u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ambjent, tal-klima u tat-tibdil demografiku; iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha fil-programmi tax-xjenza u r-riċerka u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura li jsir aktar progress ugwali fl-Istati Membri kollha;

113. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu promossi Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli effettivi (AKIS), li jippermettu lis-settur agrikolu jsir aktar sostenibbli billi titħaffef l-innovazzjoni u titrawwem kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet interessati kollha bħall-bdiewa, ir-riċerkaturi, il-konsulenti, l-esperti u l-NGOs, permezz ta' taħriġ ta' kwalità għolja u inklużiv u t-tagħlim tul il-ħajja u billi jitħaffef it-trasferiment tal-għarfien, inkluż dwar l-implimentazzjoni ta' tekniki integrati tal-biedja bħall-ġestjoni integrata tal-pesti għal kull għalla;

114. Jistieden lill-Istati Membri biex, meta jfasslu u jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali tal-PAK tagħhom, jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibbiltajiet ipprovduti mill-AKIS; ifakkar, barra minn hekk, fil-ħtieġa ta' network ta' data dwar is-sostenibbiltà bil-għan li jiġu stabbiliti punti ta' riferiment għall-prestazzjoni ta' azjenda agrikola, tal-azjendi agrikoli, jiġi dokumentat l-użu ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, kif ukoll tiġi permessa l-applikazzjoni preċiża u mfassla apposta ta' approċċi ġodda ta' produzzjoni fil-livell tal-azjenda agrikola, inkluż bl-ipproċessar tad-data miġbura billi jipprovdi lill-bdiewa u lill-partijiet interessati b'aċċess faċli għal informazzjoni rilevanti, speċjalment dwar l-aħjar prattiki; jirrimarka li d-data dwar l-agrikoltura u l-art agrikola hija ta' interess pubbliku iżda li l-aċċess tal-bdiewa għad-data agrikola tagħhom stess u l-kontroll tagħha jridu jiġu protetti;

115. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess komprensiv għal konnessjonijiet broadband veloċi biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' teknoloġiji tal-biedja diġitali fil-livell tal-azjendi agrikoli u jisħaq fuq l-importanza li l-bdiewa jiġu appoġġjati biex jagħmlu użu effiċjenti minn soluzzjonijiet innovattivi simili filwaqt li tiġi salvagwardjata l-vijabbiltà ekonomika tagħhom; jirrikonoxxi li l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa huma sħab utli fl-iżvilupp ta' servizzi ta' senserija informattiva immirati lejn l-innovazzjoni; jisħaq fuq l-importanza ta' Orizzont Ewropa fil-kisba tal-għanijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ħamrija u s-saħħa tal-ikel, li għandu l-potenzjal li jattira l-ġenerazzjoni li jmiss lejn is-settur agrikolu;

116. Jenfasizza r-rwol fundamentali tas-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli fit-tixrid tal-innovazzjoni u l-għarfien, l-istimolu tal-iskambju tal-esperjenzi u l-promozzjoni ta' dimostrazzjonijiet prattiċi, u jistieden lill-Istati Membri b'mod partikolari biex jipprovdu konsulenza komprensiva lill-bdiewa dwar l-adozzjoni ta' sistemi ta' produzzjoni aktar sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv inizjattivi minn isfel għal fuq li jqarrbu lill-bdiewa u liċ-ċittadini billi jaħdmu fil-livell lokali u jinkorporaw l-għarfien lokali, biex jadattaw aħjar għar-realtajiet speċifiċi fil-post; jenfasizza fuq l-importanza tal-promozzjoni tat-taħriġ ta' bdiewa u imprendituri żgħażagħ fil-biedja sostenibbli u f'sistemi tal-ikel sostenibbli;

117. Jitlob biex, flimkien ma' sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, jiġu stabbiliti u promossi pjattaformi b'ħafna partijiet li jżidu l-kollaborazzjoni u jimmobilizzaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-teknoloġija, tul il-katina kollha tal-agrikoltura u tal-ikel, bl-għan li tespandi l-innovazzjoni u javvanzaw is-sistemi ta' produzzjoni agrikola; jisħaq ukoll l-importanza li din il-possibbiltà tiġi estiża għall-atturi kollha fil-katina mingħajr ma jiġu imposti piżijiet amministrattivi addizzjonali;

118. Jenfasizza r-rwol ewlieni li l-bdiewa żgħażagħ se jkollhom fit-twettiq tat-tranżizzjoni lejn biedja sostenibbli u fit-twassil tal-għanijiet tal-istrateġija; jissottolinja li t-tranżizzjoni ekoloġika tas-sistema tal-ikel tagħna hija opportunità biex jingħata kontribut lil kampanja vibranti; jisħaq fuq il-fatt li l-PAK għandha tipprovdi appoġġ aħjar lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda f'termini ta' introjtu, tiġdid ġenerazzjonali, taħriġ, impjieg taż-żgħażagħ, intraprenditorija u diġitalizzazzjoni speċjalment f'żoni periferiċi u b'popolazzjoni baxxa ħafna, sabiex jinħoloq spazju li jippermetti l-inklużjoni u ż-żamma taż-żgħażagħ fl-agrikoltura, peress li x'aktarx li jkunu adottanti bikrija ta' metodi ta' biedja ġodda u aktar sostenibbli;

119. Jenfasizza li l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda potenzjali jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jixtru jew jikru l-art u jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef it-triq biex il-bdiewa żgħażagħ jidħlu fis-settur; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li din l-istrateġija ma taffettwax b'mod negattiv id-disponibbiltà u l-prezz tal-art, li jwassal għal żieda fl-ispekulazzjoni u d-diffikultajiet akbar għaż-żgħażagħ biex ikollhom aċċess għall-art;

120. Jinnota li l-konċentrazzjoni tal-art agrikola kif ukoll il-ħtif tal-art fl-UE, imħeġġa f'xi każijiet minn politiki fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal-UE, jistgħu joħolqu diffikultajiet għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda li jfittxu art li fuqha jistgħu jistabbilixxu azjenda agrikola; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif ukoll lill-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, itemmu dawn il-prattiki sabiex jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ u jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fil-biedja;

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

121. Iqis, barra minn hekk, li din l-istrateġija hija opportunità biex jittejbu l-prospetti tan-nisa rurali u tenfasizza r-rwol kruċjali li jwettqu billi jipprovdu lill-intraprendituri nisa b'ambjent favorevoli, inklużi kunsiderazzjonijiet legali u politiċi, li jwassal għal aċċess akbar għall-informazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet, kif ukoll billi jiġi ffaċiliat l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, li jwassal għall-ħolqien ta' aktar impjiegi fiż-żoni rurali;

Nippromwovu t-tranżizzjoni globali

122. Ifakkar fir-responsabbiltà globali tas-sistemi tal-ikel Ewropej u r-rwol ewlieni tagħhom fl-iffissar ta' standards globali għas-sikurezza tal-ikel, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni soċjali u l-benesseri tal-annimali; jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-prodotti kollha tal-ikel u tal-għalf importati fl-UE jikkonformaw bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-istandards għoljin rilevanti tal-UE u jipprovdu għajnuna għall-iżvilupp biex jappoġġjaw il-produtturi primarji minn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jilħqu dawk l-istandards; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tqis l-impatti ambjentali tat-tolleranzi tal-importazzjoni mitluba; iqis li għandhom jiġu indirizzati l-użu tal-art integrat u l-emissjonijiet minn tibdil fl-użu tal-art minn għalf u ikel importat;

123. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu approċċ olistiku peress li l-implimentazzjoni ta' ċerti miri tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt fl-UE ma jridux iwasslu għar-rilokazzjoni ta' partijiet mill-produzzjoni agrikola lejn reġjuni oħra bi standards aktar baxxi minn dawk fl-UE;

124. Ifakkar li l-aċċess għas-suq tal-UE u l-450 miljun konsumatur tiegħu jipprovdi lis-sħab kummerċjali tagħna b'inċentiv qawwi biex itejbu s-sostenibbiltà tagħhom kif ukoll l-istandards tal-produzzjoni u tax-xogħol tagħhom; jemmen li s-suċċess tal-Patt Ekoloġiku huwa marbut mill-qrib mal-politika kummerċjali tagħna;

125. Jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi t-tneħħija gradwali globali tal-pestiċidi li ma għadhomx aktar approvati fl-UE u li tiżgura li l-pestiċidi perikoluži pprojbiti milli jintużaw fl-UE skont il-leġiżlazzjoni rilevanti ma jiġux esportati barra mill-Unjoni, u jħeġġeġ lill-Unjoni tippreżenta l-proposti tagħha għal dan il-għan malajr kemm jista' jkun; iqis li l-UE għandha tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tgħinhom inaqqsu l-użu imprudenti tal-pestiċidi u tippromwovi metodi oħra għall-protezzjoni tal-pjanti u tar-riżorsi tas-sajd; jisħaq fuq il-fatt li l-istrateġija ma għandhiex tiffavorixxi l-importazzjoni ta' prodotti minn pajjiżi terzi b'impatt ambjentali u klimatiku akbar; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-prodotti agroalimentari li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti, inkluża t-tolleranza żero ta' residwi ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ta' limitu;

126. Jindika l-ħtieġa għal ikel sikur u affordabbli għal popolazzjoni globali ta' madwar 10 biljun sal-2050 fil-kuntest tat-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali u x-xejriet tal-konsum li qed jinbidlu; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-dimensjoni globali tal-istrateġija biex tiżgura d-dritt għal ikel adegwat u timplimenta d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali u jenfasizza li l-politiki tal-UE dwar sistemi tal-ikel ġusti, sostenibbli u reżiljenti għandhom jindirizzaw l-inugwaljanza tal-ġeneru b'mod espliċitu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jipproteġu l-industriji naxxenti tagħhom, jippromwovu s-sigurtà tal-ikel, jappoġġjaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-agrikoltura, u jissodisfaw l-istandards ta' sostenibbiltà tal-UE u dawk internazzjonali għall-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli tagħhom;

127. jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt għall-ikel bħala prinċipju ċentrali u prijorità tas-sistemi tal-ikel u bħala għodda fundamentali biex tittrasforma s-sistemi tal-ikel u tiżgura d-drittijiet ta' dawk l-aktar emarġinati għall-aċċess għal ikel nutrittiv u timplimenta d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali;

128. Jisħaq li, jekk l-istandards tal-produzzjoni tal-annimali f'pajjiżi terzi ma jkunux allinjati ma' dawk tal-UE, għandhom jiġu pprojbiti importazzjonijiet ta' prodotti mill-annimali minn pajjiżi terzi;

129. Jinnota bi tħassib li diversi verifiki mwettqa mid-DĠ Sante, kif ukoll investigazzjonijiet dettaljati minn NGOs jiddikjaraw li t-traċċabbiltà sħiħa taż-żwiemel ħajjin mill-Arġentina destinati għas-suq tal-Unjoni Ewropea mhijiex żgurata, li tinvolvi riskji għas-sikurezza tal-ikel, u li l-benesseri tal-annimali hija kompromessa; jistieden lill-Kummissjoni tissospendi l-importazzjoni tal-laħam taż-żwiemel minn pajjiżi fejn ma jiġux irrispettati r-rekwiżiti applikabbli tal-UE relatati mat-traċċabbiltà u l-benesseri tal-annimali;

130. Ifakkar li esperimenti strutturali fuq l-annimali li mhumiex indispensabbli ma għandu jkollhom l-ebda post fil-katina tal-ikel, billi d-Direttiva 2010/63/UE tippreskrivi s-sostituzzjoni u t-tnaqqis tal-użu tal-annimali fi proċeduri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwaqqfu l-importazzjoni u l-produzzjoni domestika ta' Gonadotropina tas-Seru ta' Debba Tqila (PMSG), li tiġi estratta mid-demm ta' dwieb tqal li jiġu mħabbla sistematikament u esposti għal ġbir tad-demm, li jinvolvu kwistjonijiet ta' saħħa u benesseri;

131. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b'mod urġenti proposta għal qafas legali tal-UE bbażat fuq diliġenza dovuta orizzontali obbligatorja tul il-katina tal-provvista kollha għal kumpaniji tal-UE u dawk barranin li joperaw fis-suq uniku li jiżgura ktajjen ta' provvista sostenibbli u investimenti li huma ħielsa minn impatti ambjentali negattivi inklużi d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi u l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza, biex tippromwovi governanza tajba u żżid it-traċċabbiltà u r-responsabbiltà fil-ktajjen tal-provvista globali;

132. Jinnota li s-suq intern tal-UE huwa l-akbar importatur u esportatur ta' prodotti agroalimentari fid-dinja; huwa konvint li l-UE għandha tuża l-pożizzjoni tagħha bħala attur globali maġġuri biex tistabbilixxi l-punt ta' riferiment u l-istandards internazzjonali diretti għal sistemi tal-ikel sostenibbli, abbażi tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-kompetizzjoni ġusta, il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-protezzjoni ambjentali u l-benesseri tal-annimali, f'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO); iqis li l-protezzjoni tal-istandards f'dawn l-oqsma għandha tkun parti integrali mill-kapitoli kollha tal-ftehimiet kummerċjali u li l-kooperazzjoni multilaterali u regolatorja tista' tgħin aktar biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija mill-għalqa sal-platt;

133. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-aspetti kummerċjali tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-Politika Kummerċjali Komuni, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Doganali, il-Politika Agrikola Komuni u l-Politika tas-Sajd u l-objettivi tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u politiki relatati oħra tal-UE, u biex dawn l-objettivi jiġu segwiti b'mod gradwali permezz tal-iżvilupp ta' Alleanzi Ekoloġiċi effiċjenti fil-fora bilaterali, reġjonali u multilaterali rilevanti kollha, inkluż is-Summit 2021 tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel, kif ukoll permezz ta' reviżjoni ambizzjuża tal-politika kummerċjali tagħha, billi tistabbilixxi qafas iddedikat għal sistemi u prodotti agroalimentari sostenibbli għal ftehimiet kummerċjali futuri, b'mod partikolari permezz tal-klawżoli ta' nonrigressjoni, it-titjib tat-tħaddim tal-klawżoli ta' salvagwardja u t-tmiem ta' importazzjonijiet ta' prodotti li jaqbżu l-limiti massimi tal-UE tar-residwi għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, f'konformità mar-regoli tad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi koordinazzjoni aħjar bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha biex jintlaħqu dawn l-objettivi; iqis li l-UE għandha terġa' tikkonferma l-mandat tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija bħala l-pjattaforma ta' politika internazzjonali dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni;

134. Jilqa' l-ambizzjoni tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt li fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE jiġu żgurati kapitoli infurzabbli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli bħala mezz biex jiġi ggarantit li ambizzjonijiet regolatorji akbar imressqa jkunu konsistenti mal-politika kummerċjali tal-UE u li l-pajjiżi terzi li ffirmaw ftehimiet kummerċjali mal-UE jkunu konformi magħhom; jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kapitoli dwar l-infurzabbiltà tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali inklużi, bħala l-aħħar alternattiva, permezz ta' mekkaniżmi ta' tilwim ibbażati fuq is-sanzjonijiet, biex jiġi promoss approċċ globali għall-klima u l-bijodiversità, irrawmu produzzjoni agroalimentari aktar sostenibbli, iwaqqfu d-deforestazzjoni globali u jgħollu l-istandards tax-xogħol, skont it-tmien konvenzjonijiet ċentrali tal-ILO; jissuġġerixxi li l-kapitoli tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli għandhom iqisu wkoll standards ekwivalenti ta' produzzjoni, bħall-benesseri tal-annimali, it-traċċabbiltà, ir-reżistenza antimikrobika u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li għandhom jiġu ċċertifikati b'mod sistematiku minn korpi indipendenti ta' awditjar u ċertifikazzjoni fl-istadji kollha tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, kif ukoll pjanijiet direzzjonali bi stadji importanti soġġetti għal evalwazzjonijiet *ex post*; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex tfittex li dawn jippromwovu s-sigurtà tal-ikel u jipprovdu assistenza dwar l-allinjament mal-istandards Ewropej għal sistemi agroalimentari sostenibbli; jistenna li l-Uffiċjal Kap tal-Kummissjoni għall-Infurzar tal-Kummerċ iwettaq bis-sħiħ ir-rwol tiegħu biex tiġi garantita applikazzjoni xierqa tal-ftehimiet inkwistjoni billi jindirizza d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ l-infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u jipparteċipa fi djalogu kostruttiv mal-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati;

135. Jistieden lill-UE tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali xierqa bil-għan li jiġu protetti r-riżorsi ġenetiċi mhedda għall-ikel u l-agrikoltura, filwaqt li jiġu ggarantiti l-użu u l-ġestjoni kontinwi tagħhom minn komunitajiet lokali, popli indiġeni, irġiel u nisa, u tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tagħhom;

136. Jieħu nota tal-istudju tal-Kummissjoni dwar l-impatt ekonomiku kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE fuq l-agrikoltura, li juri li kemm f'xenarju konservattiv kif ukoll f'xenarju ambizzjuż il-ftehimiet kummerċjali tal-UE huma mistennija jiġġeneraw bilanċ globali pożittiv għall-kummerċ agroalimentari tagħha u valur akbar sal-2030, li juri li l-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom effett pożittiv fuq is-settur agrikolu tal-UE;

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

137. Jenfasizza li l-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur ma jistax jiġi rratifikat kif inhu minħabba li, fost l-oħrajn, huwa ma jiżgurax il-protezzjoni tal-bijodiversità, b'mod partikolari fl-Amażonja, u lanqas ma jagħti garanziji fir-rigward tal-istandards tal-biedja;

138. Jinnota li l-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ma jindirizzawx l-impatti negattivi potenzjali tal-ftehimiet kummerċjali fuq it-tibdil fl-użu tal-art, id-deforestazzjoni jew it-tibdil fil-klima; iqis li l-istandards ambjentali, tas-sikurezza, tal-benesseri tal-annimali u soċjali Ewropej u internazzjonali għandhom jiġu applikati b'mod komprensiv fil-kapitoli kollha fil-ftehimiet kummerċjali, biex jiġi evitat li kwalunkwe dispożizzjoni kummerċjali oħra timmina dawn l-istandards;

139. Jindika li l-ftehimiet kummerċjali għandhom jiżguraw li l-partijiet involuti jipparteċipaw b'mod attiv fil-promozzjoni tal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u li l-istandards internazzjoni huma konformi mal-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE; iqis, barra minn hekk, li dawn il-ftehimiet għandhom iqisu n-natura vinkolanti tal-konformità mal-Ftehim ta' Pariġi biex jiggarantixxu tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli;

140. Jindika li l-agrikoltura u s-sajd huma vitali għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi, u jenfasizza l-kontribut u l-valur miżjud ta' dawn is-setturi fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u biex iwieġbu għad-domanda tal-pubbliku għal prodotti suffiċjenti, sikuri u ta' kwalità għolja; jappella li r-restrizzjonijiet agronomiċi u kummerċjali strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġu kkunsidrati b'mod sistematiku matul l-implimentazzjoni tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt u l-proposti leġiżlattivi sussegwenti, biex dawn ir-reġjuni jkunu jistgħu jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet alternattivi vijabbli għas-setturi agroalimentari jekk il-mezzi ta' produzzjoni u l-flussi kummerċjali tagħhom ikunu ristretti;

141. Jilqa' l-inizjattiva l-ġdida proposta dwar il-klima u l-kummerċ fid-WTO; jissottolinja l-importanza li dan il-qafas jintuża biex tiġi żviluppata sistema agroalimentari komprensiva u sostenibbli bbażata fuq standards ta' produzzjoni komuni u ambizzjużi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod proattiv fid-WTO biex tippermetti tranżizzjoni ekoloġika, tiżgura li l-politika kummerċjali tkun konsistenti mal-SDGs, tkompli n-negozjati dwar stokkijiet trasparenti tas-sigurtà tal-ikel u, b'mod partikolari, tipprevjeni sitwazzjonijiet fejn il-prodotti agroalimentari jsiru l-varjant ta' aġġustament jew il-vittma kollaterali ta' kunflitti kummerċjali, filwaqt li tkompli tiżviluppa politika kummerċjali sostenibbli ambizzjuża u kompatibbli mad-WTO;

142. Jilqa' r-referenzi għall-proċessi rilevanti tan-NU fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tappoġġja lill-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija u l-mekkaniżmu tas-soċjetà ċivili tiegħu bħala l-ewwel pjattaforma ta' politika multilaterali dwar is-sistemi tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi t-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u s-sigurtà tal-ikel fil-fora internazzjonali rilevanti kollha, inkluż is-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel tan-NU tal-2021;

143. Jenfasizza kemm huwa importanti li jiġu kondiviżi teknoloġiji u għarfien espert moderni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li l-bdiewa lokali u Ewropej jiġu mħarrġa sabiex jiġu megħjuna jimplimentaw prattiki agrikoli innovattivi, peress li s-settur agrikolu huwa kruċjali għas-sigurtà tal-ikel u l-impjiegi f'dawk ir-reġjuni;

o

o o

144. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE.